KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fis-6 ta' Diċembru 2011 [1]

Kawża C-472/10

Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság
vs
Invitel Távközlési Zrt

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pest Megyei Bíróság (l-Ungerija)]

"Protezzjoni tal-konsumaturi — Direttiva 93/13/KEE — Artikolu 3(1), moqri flimkien mal-punti 1(j) u 2(d) tal-Anness — Artikoli 6 u 7 — Klawżoli inġusti fil-kuntratti mal-konsumaturi — Klawżola li tawtorizza lill-bejjiegħ jew fornitur sabiex unilateralment jemenda t-termini kuntrattwali mingħajr ma jiddeskrivi b'mod ċar il-mod ta' kif il-prezz jinbidel u mingħajr ma jispeċifika raġunijiet validi — In-natura inġusta tal-klawżola — Effetti legali tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola fil-kuntest ta' azzjoni ta' interess pubbliku — Azzjoni kollettiva — Effett erga omnes ta' deċiżjonijiet ta' qorti nazzjonali li jikkonstataw in-natura inġusta"

I – Introduzzjoni

1. Il-kawża preżenti toriġina minn talba għal deċiżjoni preliminari tal-Pest Megyei Bíróság (it-Tribunal Reġjonali ta' Pest, l-Ungerija, iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") ippreżentata skont l-Artikolu 267 TFUE li biha din il-qorti ressqet lill-Qorti tal-Ġustizzja għadd ta' domandi dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti fil-kuntratti mal-konsumatur [2]. Din il-kawża tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tesprimi ruħha, fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha ta' interpretazzjoni, dwar domandi legali ġodda relatati mad-direttiva ċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt, minkejja li l-imsemmija direttiva ftit li xejn ġiet emendata mill-adozzjoni tagħha, hija tibqa' tqajjem diversi domandi legali, kemm fuq il-mertu kif ukoll fuq livell proċedurali, bħalma juru n-numru kunsiderevoli ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari li hija qajmet. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li d-Direttiva 2011/83/UE dwar id-drittijiet tal-konsumaturi, adottata fil-25 ta' Ottubru 2011 mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill [3], li tibbaża fuq approċċ ta' armonizzazzjoni totali tar-regoli nazzjonali tal-protezzjoni tal-konsumaturi, għamlet biss emendi minimi għad-Direttiva 93/13 li ma għandhomx effett fuq is-soluzzjoni li għandha tingħata għad-domandi legali mqajma mill-każ ineżami.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

3 — Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2011, dwar drittijiet tal-konsumaturi, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, p. 64). Wara l-pubblikazzjoni, fit-22 ta' Novembru 2011, tal-imsemmija direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-Istati Membri issa għandhom jittrasponuha fl-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħhom sa mhux iktar tard mit-13 ta' Diċembru 2013. L-Artikolu 32 tal-imsemmija direttiva, li jistipula d-dħul tal-Artikolu 8a fid-Direttiva 93/13, jimponi lill-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali speċifiċi, jiġifieri dispożizzjonijiet intiżi sabiex iwessgħu l-verifiki għall-klawżoli msemmija fl-Artikolu 4(2), tad-Direttiva 93/13 kif ukoll sabiex jistabbilixxu listi nazzjonali li fihom ikollhom klawżoli kuntrattwali meqjusa inġusti. L-adozzjoni tad-direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumaturi taqbel fuq il-pjan kronoloġiku mal-preżentata, fil-11 ta' Ottubru 2011, tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ [COM (2011) 635 finali]. L-imsemmija proposta tħalli lill-partijiet jagħżlu għal-liġi Ewropea ta' kuntratti, fil-kuntest ta' kuntratti ta' bejgħ transkonfinali, sakemm jeżerċitaw espressament l-għażla tagħhom. Il-Kapitolu 8 tal-proposta (Artikoli 79 sa 86, bl-intestatura "Kundizzjonijiet kuntrattwali inġusti") jinkludi dispożizzjonijiet dwar klawżoli inġusti kif jidhru fil-kuntratti bejn bejjiegħa jew fornituri kif ukoll fil-kuntratti bejn bejjiegħa jew fornituri u konsumaturi, u li jikkorrispondu, f'dan il-każ tal-aħħar, b'mod estensiv mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 (ara, dwar l-iżviluppi fil-qasam tal-liġi privata tal-konsum C. Wendehorst, "Auf dem Weg zu einem zeitgemäßen Verbraucherprivatrecht: Umsetzungskonzepte", *Neuordnung des Verbraucherprivatrechts in Europa? — Zum Vorschlag einer Richtlinie über Rechte der Verbraucher*, Vjenna 2009, p. 154 *et seq*, u, fil-qasam tal-liġi internazzjonali privata, F. Ferrari, "Ein neues Internationales Vertragsrecht für Europa, *Gottmadingen 2007*, p. 57).

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari toriġina minn kawża bejn in-Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság (awtorità nazzjonali tal-protezzjoni tal-konsumaturi, iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti fil-kawża prinċipali"), u l-kumpannija Invitel Távközlési Zrt. (iktar 'il quddiem il-"konvenuta fil-kawża prinċipali") dwar il-validità ta' klawżola kuntrattwali partikolari li tidher normalment fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' kuntratti konklużi mill-konvenuta fil-kawża prinċipali mal-klijenti tagħha u li tagħtiha d-dritt ta' ħlas *a posteriori* mingħand l-imsemmija klijenti għad-drittijiet u spejjeż relatati ma' servizzi differenti, mingħajr ma l-metodu ta' kalkolu tagħhom jiġi ddeterminat minn qabel fil-klawżoli kuntrattwali. Ir-rikorrenti, li minn dan ikkonkludiet li l-klawżola kuntrattwali hija ta' natura inġusta, ippreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju talba intiża, minn naħa, sabiex tikkonstata l-invalidità tal-imsemmija klawżola u, min-naħa l-oħra, sabiex tordna r-rimbors tal-imsemmija drittijiet u spejjeż.

3. Permezz tal-ewwel domanda preliminari, li fir-realtà tikkonsisti minn żewġ domandi, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf kif għandha titmexxa, fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri, is-sistema li l-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa bid-Direttiva 93/13 sabiex jipproteġi l-konsumaturi b'mod li jintlaħaq dan il-għan. B'mod partikolari, il-kwistjoni hija li jiġu identifikati r-rekwiżiti tad-Direttiva 93/13 f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà miftuħa għall-organizzazzjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi li jressqu huma stess azzjonijiet quddiem il-qorti, fl-interess tal-konsumaturi, kontra klawżoli inġusti. Il-qorti tar-rinviju tqajjem ukoll id-domanda sabiex tkun taf liema huwa l-effett ġuridiku li jista' jiġi rrikonoxxut, fi ħdan l-ordinament ġuridiku nazzjonali, lid-deċiżjoni ta' qorti nazzjonali li tikkonstata n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali. It-tieni domanda preliminari tiddistingwi ruħha, fir-rigward tal-għan tagħha, miż-żewġ domandi msemmija iktar 'il fuq inkwantu din tirrigwarda l-klassifikazzjoni possibbli tal-klawżola kkontestata bħala klawżola "inġusta" fis-sens tad-Direttiva 93/13.

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. Skont l-Artikolu 1(1) tagħha, l-għan tad-Direttiva 93/13 huwa li tapprossimizza l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati mal-klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur.

5. L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva jistipula dan li ġej:

"1. Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' *buona fede*, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.

[…]

3. L-Anness għandu jkun fih lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-klawżoli li jistgħu jiġu kkunsidrati inġusti."

6. Skont l-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, in-natura inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konklużż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konklużż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu.

2. L-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar."

7. L-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konklużmaʼ konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

8. L-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri.

2. Il-mezzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li bihom persuni jew organizzazzjonijiet, li jkollhom interess leġittimu skond il-liġi nazzjonali li jipproteġu lill-konsumaturi, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni skond il-liġi nazzjonali kkonċernata quddiem il-qrati jew quddiem korpi amministrattivi kompetenti għal deċiżjoni dwar jekk il-klawżoli kuntrattwali ppreparati għal-użu ġenerali jkunux inġusti, biex ikunu jistgħu japplikaw mezzi xierqa u effettivi biex jipprevjenu li jkomplu jintużaw dawn il-klawżoli.

3. Biex jitqiesu kif imiss il-liġijiet nazzjonali, ir-rimedji legali msemmija fil-paragrafu 2 jisgħu jkunu diretti b'mod separat jew b'mod konġunt kontra numru ta' bejjiegħa jew fornituri mill-istess settur ekonomiku jew mill-assoċjazzjonijiet tagħhom li jużaw jew jirrakkomandaw l-użu ta' l-istess klawżoli kuntrattwali ġenerali jew klawżoli simili."

9. Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu l-aktar dispożizzjonijiet stretti kompatibbli mat-Trattat fil-qasam kopert [...] [m]id-Direttiva, biex jiżguraw grad massimu ta' protezzjoni għall-konsumatur."

10. L-Anness tad-Direttiva jinkludi l-lista tal-klawżoli li jistgħu jiġu ddikjarati inġusti skont l-Artikolu 3(3):

"1. Klawżoli li għandhom l-għan jew l-effett li:

[…]

j) jawtorizzaw lill-bejjiegħ jew lill-fornitur li jibdel il-klawżoli ta' kuntratt minn naħa waħda biss mingħajr raġuni valida li tkun speċifikata fil-kuntratt;

[…]

l) jipprovdu biex il-prezz tal-merkanzija jiġi stabbilit fil-ħin tal-provvista jew jippermettu lil bejjiegħ ta' merkanzija jew lil fornitur ta' servizzi jżid il-prezz tagħhom mingħajr ma' jagħti lill-konsumatur fiż-żewġ każi d-dritt korrispondenti li jikkanċella l-kuntratt jekk l-aħħar prezz ikun għoli wisq f'relazzjoni mal-prezz miftiehem meta l-kuntratt ikun ġie konklużmaʼ;

[…]

2. L-ambitu tas-subparagrafi (g), (j) u (l)

[...]

d) Is-subparagrafu (1) huwa mingħajr xkiel għal klawsoli ta'l-indiċjar tal-prezzijiet, fejn legali, sakemm il-metodu li bih ivarjaw il-prezzijiet jiġi deskritt b'mod espliċitu."

B – *Il-liġi nazzjonali*

11. Skont l-Artikolu 209/A(2) tal-Kodiċi Ċivili Ungeriż (Polgári Törvénykönyv, iktar 'il quddiem "Ptk."), termini inġusti li jidhru fil-kuntratti ta' konsum bħala kundizzjonijiet ġenerali kuntrattwali jew termini inġusti li l-bejjiegħ jew fornitur fassal b'mod unilaterali, minn qabel u mingħajr negozjati individwali, huma nulli.

12. L-Artikolu 209/B(1) tal-Ptk. jipprovdi li d-dikjarazzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta li tidher f'kuntratt ta' konsum, bħala kundizzjoni ġenerali kuntrattwali, prevista fl-Artikolu 209/A(2), tista' wkoll tintalab lil qorti minn organu nnominat minn leġiżlazzjoni speċifika. Id-dikjarazzjoni ta' nullità tal-klawżola inġusta mwettqa mill-qorti tkun tgħodd fir-rigward ta' kull parti li tkun ikkonkludiet kuntratt mal-bejjiegħ jew fornitur bl-użu tal-imsemmija klawżola.

13. Skont l-Artikolu 209/B(2) tal-Ptk., l-organu nnominat minn leġiżlazzjoni speċifika jista' wkoll jitlob id-dikjarazzjoni ta' nullità ta' kull kundizzjoni ġenerali kuntrattwali li tfasslet sabiex jiġu konklużi kuntratti mal-konsumaturi u li ġiet ippubblikata, anki jekk hija għadha ma ġietx użata. Il-paragrafu 3 tal-istess dispożizzjoni jipprovdi li, fl-ipoteżi fejn il-qorti tikkonstata, fil-kuntest tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 2, li l-kundizzjoni ġenerali kontenzjuża hija inġusta, hija għandha tiddikjaraha nulla f'każ ta' użu (futur), b'effett fir-rigward ta' kull parti li tikkonkludi kuntratt ma' kwalunkwe bejjiegħ jew fornitur li jkun adotta l-klawżola b'mod pubbliku. Kull persuna li tuża l-klawżola kuntrattwali inġusta għandha tissodisfa t-talbiet ifformulati mill-konsumatur abbażi tad-deċiżjoni. Barra minn hekk, id-deċiżjoni ġudizzjarja għandha tipprojbixxi l-użu tal-kundizzjoni ġenerali kuntrattwali inġusta lil kull persuna li tkun adottata b'mod pubbliku.

14. L-Artikolu 39(1) tal-Liġi Nru CLV tal-1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi (a fogyasztóvédelemről szóló 1997. évi CLV. törvény), jippermetti lill-awtorità tal-protezzjoni tal-konsumaturi, li hija organizzazzjoni pubblika responsabbli mir-rappreżentazzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, jew lill-prosekutur pubbliku, li jagħtu bidu, kontra kull persuna li attività tagħha li tkun kontra l-liġi tkun tikkonċerna numru kbir ta' konsumaturi jew tkun tikkawża dannu importanti, għal azzjoni sabiex jiddefendu lill-konsumaturi kollha kkonċernati jew sabiex jiġi kkumpensat l-imsemmi dannu. Din l-azzjoni tista' tinbeda anki meta l-identità tal-konsumaturi leżi ma tkunx tista' tiġi stabbilita.

15. L-Artikolu 132(2)(ċ) tal-Liġi Nru C tal-2003 dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi (az elektronikus hírközlésről szóló 2003. évi C. törvény) jipprovdi li l-fornitur ta' servizz jista' jemenda unilateralment il-kuntratt ta' abbonament meta tibdil sostanzjali taċ-ċirkustanzi jiġġustifikawh. L-Artikolu 132(4) ta' din l-istess liġi jippermetti lill-fornitur tas-servizz li jiddetermina unilaterament f'liema każijiet huwa jista' jemenda l-kundizzjonijiet ġenerali kuntrattwali wara l-konklużjoni tal-kuntratt. Il-leġiżlatur la jippreċiża l-limiti legali ta' din id-deċiżjoni tal-fornitur tas-servizz u lanqas il-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta.

16. Skont l-Artikolu 132(5) tal-imsemmija liġi, l-abbonat ma jistax ixolji l-kuntratt ta' abbonament meta huwa jintrabat li jibbenefika mis-servizz għal tul ta' żmien determinat, meta jkun ikkonkluda l-kuntratt b'kunsiderazzjoni tal-vantaġġi li jirriżultaw minnu u meta l-emenda ma jkollhiex effetti fuq il-vantaġġi miksuba. Skont il-qorti tar-rinviju, din id-dispożizzjoni legali tiddetermina b'mod unilaterali u infondat id-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali tal-partijiet għad-detriment tal-konsumatur, mingħajr limitazzjoni sostantiva, bi ksur tar-rekwiżiti ta' *bona fide*, ta' lealtà fil-qasam kummerċjali u ta' distribuzzjoni ġusta tar-riskji.

III – Il-kuntest fattwali, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17. Kif jirriżulta mill-proċess tal-kawża, il-konvenuta fil-kawża prinċipali, fil-kapaċità tagħha ta' operatur tat-telefonija fissa, fl-2008 introduċiet, fil-klawżoli ġenerali kuntrattwali tagħha, klawżoli dwar l-ispejjeż marbuta mal-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ordni ta' flus postali (money order). Dawn il-klawżoli jipprovdu li, f'każ ta' pagamenti permezz ta' ordni ta' flus postali, il-fornitur tas-servizz kien intitolat li jitlob ħlas tal-ispejjeż addizzjonali derivanti. Madankollu, il-kundizzjonijiet ġenerali ma jindikawx il-mod tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-ordni.

18. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għaldaqstant irċeviet numru kbir ta' ilmenti ta' konsumaturi, li fuq il-bażi tagħhom hija setgħet tikkonkludi l-inġustizzja tal-klawżoli msemmija hawn fuq. Għalhekk hija talbet bil-miktub lill-konvenuta sabiex timmodifika l-kundizzjonijiet ġenerali tagħha fuq dan il-punt, li din tal-aħħar, madankollu, irrifjutat kategorikament.

19. Permezz ta' azzjoni ta' interess pubbliku ppreżentata fil-qorti tar-rinviju taħt l-Artikolu 39(1) tal-liġi Ungeriża dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, ir-rikorrenti titlob, minn naħa, il-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-imsemmija klawżola skont l-Artikolu 209/B(1) tal-Ptk. u, min-naħa l-oħra, ir-rimbors immedjat u retroattiv tas-somom kollha li l-konvenuta rċeviet bħala riżultat tal-fatturar illegali ta' "spejjeż tal-ordni".

20. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13. Hija temmen li teħtieġ l-interpretazzjoni tagħhom mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex hija tkun tista' taqta' l-kawża prinċipali. Huwa għalhekk li hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur jista' jiġi interpretat fis-sens li klawżola kuntrattwali inġusta ma torbot lil ebda konsumatur meta korp stabbilit b'liġi u debitament awtorizzat jitlob f'isem il-konsumaturi, fil-kuntest ta' azzjoni ta' interess pubbliku (*popularis actio*), li tiġi kkonstatata n-nullità tal-imsemmija klawżola inġusta li tinsab f'kuntratt ta' konsum?

Meta tkun inbdiet azzjoni ta' interess pubbliku li tkun intiża għall-kundanna favur il-konsumaturi li ma humiex partijiet fil-kawża jew ta' projbizzjoni tal-użu ta' kundizzjoni ġenerali kuntrattwali inġusta, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE jista' jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmija klawżola inġusta li tinsab f'kuntratti ta' konsum ma torbot la lil ebda konsumatur ikkonċernat u lanqas lill-ebda konsumatur ieħor fil-ġejjieni, b'tali mod li l-qorti hija obbligata tapplika *ex officio* l-konsegwenzi legali li jirriżultaw minn dan?

2) Fid-dawl tal-punti 1(j) u 2(d) tal-Anness tad-Direttiva, applikabbli skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, l-Artikolu 3(1) ta' din l-istess direttiva jista' jiġi interpretat fis-sens li, meta bejjiegħ jew fornitur jipprovdi emenda unilaterali tal-kundizzjonijiet kuntrattwali mingħajr ma jiddeskrivi b'mod ċar il-metodu ta' varjazzjoni tal-prezz u mingħajr ma jispeċifika raġunijiet validi fil-kuntratt, l-imsemmija klawżola hija *ipso iure* inġusta."

IV – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

21. It-talba għal deċiżjoni preliminari ddatata l-25 ta' Awwissu 2010 waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Settembru 2010.

22. Il-partijiet fil-kawża prinċipali, il-Gvern Ungeriż u l-Gvern Spanjol, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea, ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu previst fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

23. Peress li l-ebda parti ma talbet li ssir seduta, il-konklużjonijiet għal din il-kawża setgħu jiġu fformulati wara l-laqgħa ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-7 ta' Settembru 2011.

V – L-argumenti prinċipali tal-partijiet interessati

A – *Fuq l-ewwel domanda*

24. Il-*Gvern Ungeriż* josserva, billi jirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-mezzi kollettivi previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13 huma ta' natura preventiva, sa fejn dawn huma maħsuba sabiex jipprojbixxu l-użu ta' klawżoli inġusti ta' ħsara għall-konsumaturi. L-istrument tal-azzjoni ta' interess pubbliku li għalih id-Direttiva 2009/22/KE hija wkoll applikabbli huwa maħsub sabiex jipproteġi l-interessi kollettivi tal-konsumaturi, kemm jekk dawn huma u anki jekk dawn ma humiex partijiet fil-proċedura. Għaldaqstant, l-Artikoli 6(1), u 7(2) tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġu interpretati b'mod konġunt fis-sens li l-klawżoli meqjusa bħala inġusti mill-qorti tar-rinviju ma jistgħu jorbtu lil ebda konsumatur u ma jistgħux jintużaw fil-futur.

25. Minn naħa, il-qorti nazzjonali, skont id-Direttiva 93/13, għandha tkun tista' tikkonstata, jekk hemm bżonn *ex officio*, in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali u, jekk meħtieġ, ma tapplikahiex, ħlief jekk il-konsumatur jopponi. Min-naħa l-oħra, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina l-konsegwenzi legali tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali fir-rigward ta' azzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

26. Il-Gvern Spanjol isostni li klawżola kuntrattwali inġusta ma torbot l-ebda konsumatur meta organu debitament awtorizzat jitlob li jiġi kkonstatat in-nuqqas ta' validità ta' klawżola kuntrattwali u meta l-qorti li quddiemha ssir it-talba tilqa' dik it-talba. Barra minn hekk, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina *ex officio* l-konsegwenzi legali li jinsiltu minn tali konstatazzjoni tan-natura inġusta u minn projbizzjoni tal-użu tagħhom f'kuntratti ta' konsum.

27. Il-Kummissjoni tinnota li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 skont liema dispożizzjoni l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu sabiex jiksbu riżultat partikolari. Il-modalitajiet għall-implementazzjoni għandhom għalhekk ikunu konformi mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, kif kienu ddefiniti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28. Ladarba l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 ma jistabbilixxix regoli preċiżi u ddettaljati dwar kif jintemm l-użu ta' klawżoli inġusti, l-imsemmija direttiva ma tipprekludix li l-effetti legali tad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta fir-rigward ta' azzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jkunux limitati għall-partijiet fil-kawża. Il-liġi Ungeriża li tipprovdi li l-imsemmija dikjarazzjoni ta' nullità tapplika fir-rigward ta' kwalunkwe parti li tikkonkludi kuntratt ma' bejjiegħ jew fornitur li juża l-imsemmija klawżola tgħin sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tisħaq li d-Direttiva 93/13 ma tipprekludix dispożizzjoni legali nazzjonali li tipprovdi li l-qorti nazzjonali teħtieġ li tapplika *ex officio* l-konsegwenzi legali li jirriżultaw minn kundanna għall-benefiċċju tal-konsumaturi li ma humiex partijiet fil-kawża.

B – *Fuq it-tieni domanda preliminari*

29. Kemm il-Gvern Ungeriż kif ukoll il-Kummissjoni jsostnu li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 jiddefinixxi b'mod astratt il-fatturi li jagħtu natura inġusta lil klawżola kuntrattwali li ma tiġix innegozjata individwalment. Barra minn hekk, l-Anness tad-Direttiva fih lista indikattiva ta' klawżoli li jistgħu jiġu ddikjarati inġusti. Is-sempliċi fatt li klawżola hija inkluża fl-istess lista ma jfissirx li din għandha neċessarjament titqies bħala inġusta. Hija pjuttost il-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi dwar dan hija stess, billi tqis il-kriterji ġenerali ta' evalwazzjoni, kif ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

30. B'referenza għaċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, il-Gvern Ungeriż josserva li emenda unilaterali tal-kundizzjonijiet ġenerali, mingħajr indikazzjoni tal-modalitajiet jew tar-raġuni għall-imsemmija emenda, ma hijiex konformi mad-Direttiva 93/13 peress li toħloq żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet. Hija, madankollu, il-qorti nazzjonali li għandha tevalwa l-klawżola kuntrattwali fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni, b'kunsiderazzjoni tal-kriterji msemmija fid-Direttiva 93/13.

31. Il-Gvern Spanjol jgħid li meta bejjiegħ jew fornitur, fi klawżola kuntrattwali, iżomm id-dritt li jagħmel emendi unilaterali tal-kundizzjonijiet ġenerali, mingħajr ma jispeċifika la l-modalitajiet u lanqas il-motivazzjonijiet, tali klawżola għandha tiġi kkunsidrata inġusta.

VI – L-evalwazzjoni legali

A – *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

32. L-ewwel domanda preliminari, li tikkonsisti f'żewġ domandi, hija essenzjalment intiża li tivverifika l-konformità mad-Direttiva 93/13 tas-sistema Ungeriża ta' azzjonijiet ta' grupp, f'forma ta' azzjonijiet ta' interess pubbliku (*actio popularis*) li jistgħu jiġu eżerċitati, skont il-liġi nazzjonali, permezz ta' organi għall-protezzjoni tal-konsumatur. L-istudju ta' dawn id-domandi ser jippermetti li l-karatteristiċi tas-sistema li tipproteġi lill-konsumaturi kontra l-klawżoli inġusti li ġiet stabbilita permezz tad-Direttiva 93/13 jiġu indirizzati f'iktar dettall. L-elementi identifikati minn dan l-istudju għandhom jikkontribwixxu sabiex tingħata risposta għad-diversi domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

33. Wara li nagħmel preżentazzjoni ġenerali ta' din is-sistema ta' protezzjoni, se nindirizza l-eżami tal-istrument tal-azzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kif kien iddisinjat mill-awturi tal-imsemmija direttiva, billi niffoka fuq il-kwistjoni ewlenija tal-effetti legali li għandhom jintrabtu mad-deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li quddiemha ġiet ippreżentata l-azzjoni ta' interess pubbliku sabiex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni tal-konsumatur segwit mid-Direttiva 93/13.

1. Il-protezzjoni tal-konsumaturi bħala għan tad-Direttiva

34. Skont ġurisprudenza stabbilita, is-sistema ta' protezzjoni mdaħħla fis-seħħ permezz tad-Direttiva tibbaża ruħha fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità fir-rigward tal-bejjiegħ jew fornitur, f'dak li jirrigwarda kemm il-poter ta' negozjati kif ukoll il-livell ta' informazzjoni, sitwazzjoni li twasslu sabiex jaderixxi mal-kundizzjonijiet imfassla minn qabel mill-bejjiegħ jew fornitur, mingħajr ma jista' jeżerċita influwenza fuq il-kontenut ta' dawn il-kundizzjonijiet [4]. Fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni ta' inferjorità, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jistabbilixxi li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, din hija dispożizzjoni mandatorja li hija intiża sabiex tissostitwixxi l-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-kuntratt b'bilanċ reali li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn dawn tal-aħħar [5].

35. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni maħsuba mid-Direttiva 93/13, il-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament enfasizzat li s-sitwazzjoni ta' inugwaljanza bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur tista' tiġi kkumpensata biss permezz ta' azzjoni pożittiva, li ma hijiex konnessa mal-partijiet fil-kuntratt [6]. Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li

4 — Ara s-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, Ġabra p. I-4941, punt 25), u tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro (C-168/05, Ġabra p I-10421, punt 25).

5 — Ara s-sentenzi Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 36), u tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, Ġabra p. I-4713, punt 25).

6 — Ara s-sentenzi Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 27), Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 26), kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, Ġabra p. I-9579, punt 31).

l-qorti nazzjonali hija marbuta tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali[7]. Il-fakultà tal-qorti li teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola tikkostitwixxi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "mezz xieraq kemm sabiex jintlaħaq ir-riżultat stabbilit fl-Artikolu 6 tad-direttiva, jiġifieri li jiġi prekluż li konsumatur individwali jkun marbut bi klawżola inġusta, kif ukoll sabiex tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-objettiv imsemmi fl-Artikolu 7, peress illi tali eżami jista' jkollu effett dissważiv li jwassal sabiex ma jintużawx aktar klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi minn bejjiegħa jew fornituri mal-konsumaturi"[8]. Din il-fakultà mogħtija lill-qorti ġiet ikkunsidrata mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala neċessarja "sabiex tassigura lill-konsumatur protezzjoni effettiva, fid-dawl b'mod partikolari tar-riskju għoli li huwa ma jkunx jaf id-drittijiet tiegħu jew li jsib diffikultà biex jeżerċithom"[9].

2. L-azzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħala mezz li fil-prinċipju huwa adegwat u effettiv skont l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13

36. Huwa veru li d-domandi preliminari preċedenti ffokaw prinċipalment fuq kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni legali individwali u għaldaqstant fuq każijiet fejn il-konsumatur stess kien oppona għall-użu ta' klawżoli inġusti, pereżempju, billi kkontesta l-kuntratt inkwistjoni jew billi oppona l-infurzar tiegħu. Ikun madankollu żbaljat li jiġi konkluż mill-bidu, fid-dawl ta' dan il-fatt, li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 93/13, li jippermetti lil individwi jew organizzazzjonijiet li jersqu quddiem il-qrati, fl-interess tal-konsumaturi, sabiex jopponu l-użu ta' klawżoli inġusti fil-kuntratti, għandhom importanza prattika limitata.

37. Dawn id-dispożizzjonijiet, li għandhom l-għan li jintroduċu mekkaniżmu ta' kontroll *in abstracto*, fil-verità jikkumplimentaw is-sistema ta' protezzjoni stabbilita mid-Direttiva 93/13, billi jippermettu azzjoni effettiva kontra l-klawżoli inġusti anki meta eċċezzjonalment il-konsumaturi ma jeżerċitaw ebda azzjoni, pereżempju għal raġunijiet finanzjarji. Dan jissodisfa wkoll l-għan tad-Direttiva 93/13 li hija intiża li mhux biss tipprovdi protezzjoni adegwata lill-konsumaturi fi kwistjonijiet individwali bejniethom mal-bejjiegħa jew fornituri, iżda wkoll li twassal għal "waqfien" b'mod iktar ġenerali tal-użu ta' klawżoli inġusti mill-bejjiegħa jew fornituri, kif jirriżulta mill-Artikolu 7(1).

38. Sabiex jinkiseb dan il-għan, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jobbliga lill-Istati Membri jipprovdu "mezzi adegwati u effettivi", sabiex effettivament jiġu eliminati l-klawżoli inġusti. Dan ir-rekwiżit jimplika b'mod partikolari li għandu jkun possibbli li jiġi pprojbit l-użu ta' klawżola inġusta lil hinn mill-każ inkwistjoni. F'dan ir-rigward, l-istrumenti fil-liġi ta' proċedura ċivili, iżda wkoll tal-liġi amministrattiva, kif ukoll sanzjonijiet ta' natura kriminali jew amministrattiva huma possibbli[10]. Huwa finalment f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw liema mod huwa l-iktar adegwat u effettiv fid-dawl tal-kundizzjonijiet prevalenti fi ħdan l-ordinament ġuridiku kkonċernat. F'dan il-qasam, l-Istati Membri huma liberi li jagħżlu bejn mekkaniżmi ta' kontroll differenti skont it-tradizzjoni legali tagħhom. Madankollu, skont l-interpretazzjoni tal-istruttura tal-Artikolu 7(1)

7 — *Ibidem*, punt 32.

8 — Sentenzi tal-21 ta' Novembru 2002, Cofidis (C-473/00, Ġabra p. I-10875, punt 32), u Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 27).

9 — Sentenzi Cofidis (iċċitata f'nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 33), u Mostaza Claro (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 28).

10 — M. Ebers, "Unfair Contract Terms Directive (93/13)", f'*EC Consumer Law Compendium — Comparative Analysis* (editjat minn Hans Schulte-Nölke, Christian Twigg-Flesner u Martin Ebers), p. 422 *et seq*, jipproponi ħarsa ġenerali tad-diversi strumenti eżistenti fil-livell tal-Istati Membri. Minn din il-ħarsa ġenerali jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jipprovdu proċeduri sabiex jiksbu l-projbizzjoni tal-klawżoli inġusti. F'xi Stati Membri jeżistu strumenti tal-liġi amministrattiva, filwaqt li l-Istati Membri kollha jippermettu l-introduzzjoni ta' rimedji kollettivi.

u (2) jirriżulta madankollu li teħtieġ effiċjenza adegwata [11]. Dan jimplika b'mod partikolari li għandha tiġi rrikonoxxuta setgħa deċiżjonali lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti sabiex din tiddeċiedi dwar in-natura inġusta tal-klawżola u sabiex tipprovdi mezzi adegwati u effettivi sabiex jintemm l-użu tal-klawżola inkwistjoni.

39. L-iktar strument importanti sabiex jitwettaq il-kontroll effettiv impost mid-Direttiva huwa r-rimedju kollettiv, li kien jinsab fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali ta' xi Stati Membri sa minn qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 93/13 [12]. Skont l-Artikolu 7(2) tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li "persuni jew organizzazzjonijiet, li jkollhom interess leġittimu skond il-liġi nazzjonali li jipproteġu lill-konsumaturi, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni [...] quddiem il-qrati jew quddiem korpi amministrattivi kompetenti", sabiex dawn ikunu jistgħu jiddeċiedu fuq in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali u japplikaw, jekk ikun il-każ, "mezzi xierqa u effettivi biex jipprevjenu li jkomplu jintużaw dawn il-klawżoli". Il-fatt li l-awturi tad-Direttiva pprovdew espressament għall-azzjoni ta' interess kollettiv juri li huma jqisuha bħala mezz li fil-prinċipju huwa adegwat u effettiv skont l-Artikolu 7(1) sabiex l-użu ta' klawżoli inġusti fil-kuntratti jitwaqqaf b'mod permanenti.

11 — Ara H.-W. Micklitz, "AGB-Gesetz und die EG-Richtlinie über missbräuchliche Vertragsklauseln in Verbraucherverträgen", *Zeitschrift für Europäisches Privatrecht*, 1993, p. 529, li josserva li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma kellhiex l-intenzjoni li tintervjeni fit-tip ta' kontroll eżerċitat. Għall-kuntrarju, l-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jagħżlu li jafdaw il-kontroll f'idejn awtoritajiet amministrattivi jew organizzazzjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi, jekk kemm-il darba dan il-kontroll huwa adegwat u effettiv. Ara, f'dan is-sens ukoll, T. Pfeiffer, f'*Das Recht der Europäischen Union* — Kommentar (editjat minn E. Grabitz u M. Hilf), Vol. IV, A5, Artikolu 7, punt 14, p. 3, li jargumenta li huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu jekk il-proċedura ta' kontroll *in abstracto* għandhiex tkun ta' natura ġudizzjarja jew amministrattiva. Li jkun hemm bżonn, madankollu, hija effettività adegwata. R. Damm, "Europäisches Verbrauchervertragsrecht und Recht-AGB" *Juristenzeitung*, 1994, p. 175, jinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 93/13, fis-sens li jappartjeni biss lil-liġi nazzjonali li tiddetermina jekk il-kontroll *in abstracto* ta' klawżoli inġusti għandux isir fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva. Dan l-awtur madankollu josserva wkoll li d-dritt tal-Unjoni jeħtieġ mhux biss l-eżistenza, iżda wkoll l-effettività ta' rimedju kollettiv, sa fejn dan jeżiġi l-użu ta' mezzi adegwati u effettivi kontra l-użu ta' klawżoli inġusti.

12 — Il-possibbiltà li tinġieb azzjoni ta' interess kollettiv kontra klawżoli inġusti teżisti fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea. Kważi l-Istati Membri kollha jipprovdu mill-inqas għall-possibbiltà ta' azzjoni għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-persuni li jużaw jew jirrakkomandaw l-użu ta' klawżoli inġusti. F'każ ta' emerġenza, normalment huwa possibbli li jressqu talba għal miżuri provviżorji quddiem qorti. Xi Stati Membri jipprovdu wkoll azzjonijiet għad-danni. Fil-Ġermanja, ir-rimedju kollettiv għandu storja ta' iktar minn seklu. Il-Gesetz gegen den unlauteren Wettbewerb (liġi Ġermaniża dwar il-ġlieda kontra l-kompetizzjoni żleali), fil-verżjoni tal-1896, tat għall-ewwel darba, lill-assoċjazzjonijiet professjonali, id-dritt li jressqu azzjoni. Kważi tmenin sena wara, dan id-dritt tal-assoċjazzjonijiet li jiddefendu lill-konsumaturi u lill-bejjiegħa jew fornituri estenda għall-qasam tan-negozju ġenerali. Kull persuna li, f'kundizzjonijiet ġenerali ta' negozju, tuża jew tirrakkomanda l-użu, f'relazzjonijiet kuntrattwali, ta' termini nieqsa minn validità skont it-taqsimiet 307 sa 309 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż tista' tkun suġġetta għal azzjoni għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u fil-każ ta' rakkomandazzjoni, tkun suġġetta wkoll għal azzjoni għal revoka mibdija mill-korpi awtorizzati, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet li jiddefendu lill-konsumaturi, il-kmamar tal-kummerċ, tal-industrija u tal-mestier (Artikoli 1 u 3 tal-Unterlassungsklagengesetz, liġi Ġermaniża dwar azzjonijiet għal inibizzjoni). Fi Franza, id-dritt li titressaq azzjoni fl-interess kollettiv tal-konsumaturi ilu rrikonoxxut sa mill-1988 għall-assoċjazzjonijiet li jiddefendu lill-konsumaturi flimkien mal-kontroll amministrattiv u l-kontroll ġudizzjarju fi kwistjonijiet individwali (Artikoli L421-1 tal-Kodiċi Franċiż dwar il-konsum *et seq*). Dawn l-assoċjazzjonijiet jistgħu jaġixxu, minn naħa, għal sospensjoni (Artikoli L 421-2 u L421-6), u min-naħa l-oħra għal kumpens, meta att tal-utent jikkawża dannu għall-interessi kollettivi tal-konsumaturi (Artikoli L 421-1 u L-421-7). Fil-Polonja, il-liġi ta' proċedura ċivili tinkludi, għall-ewwel darba mit-traspożizzjoni tad-Direttiva 93/13, regoli dwar kontroll *in abstracto* tal-klawżoli kuntrattwali fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' interess kollettiv (Artikoli 479 *et seq* tal-Kodiċi Pollakk tal-Proċedura Ċivili). Għandhom dritt li jressqu azzjoni mhux biss assoċjazzjonijiet li jiddefendu lill-konsumaturi, l-Ombudsman kollha tal-Konsumaturi kompetenti, kif ukoll il-President tal-Uffiċċju tal-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni u l-Konsumaturi, iżda wkoll kull min seta' jikkonkludi l-kuntratt fid-dawl tal-offerta tal-utent. Fir-Renju Unit, il-kwalità ġuridika tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi hija rrikonoxxuta u l-assoċjazzjoni rikorrenti għandha d-dritt li tieħu azzjoni legali (Artikoli 11 u 12 tal-*Unfair Terms in Consumer Contracts Regulations 1999*, ir-Regolament tal-1999 dwar klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi). Fi Spanja wkoll, il-liġi tagħti dritt li jressqu azzjoni lill-assoċjazzjonijiet li jiddefendu l-konsumaturi (Artikolu 12 *et seq* tal-*Ley 7/1998 sobre condiciones generales de la contratación*, Liġi 7/1998 dwar il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti) li tippermettilhom sabiex jieħdu azzjoni legali għal sospensjoni, għal revoka jew għal kumpens. Sa mill-2001, tali assoċjazzjonijiet jistgħu jressqu kawża għad-danni taħt id-dritt ċivili Spanjol f'isem grupp ta' konsumaturi li ma jkunux jistgħu jiġu identifikati b'mod individwali. Fl-Awstrija hemm ukoll rimedju kollettiv imfassal sabiex jipproteġi l-konsumaturi (Artikoli 28 *et seq* tal-*Konsumentenschutzgesetz*, liġi fuq il-protezzjoni tal-konsumaturi). L-assoċjazzjonijiet li jiddefendu lill-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet professjonali previsti mil-liġi huma awtorizzati li jieħdu azzjoni legali għal sospensjoni f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Is-sitwazzjoni legali hija simili fl-Italja (Artikolu 37 tal-Kodiċi tal-Konsum Taljan). Fl-Islovenja kull korp li għandu personalità ġuridika u stabbilit sabiex jiddefendi u jipproteġi l-interessi tal-konsumaturi jista', ladarba tgħaddi sena bejn il-kostituzzjoni tiegħu u l-introduzzjoni tal-azzjoni, u jekk kemm-il darba jkollu attività reali, jintroduċi azzjoni sabiex jipprojbixxi kumpannija milli tagħmel użu minn kundizzjonijiet ġenerali ta' negozju illegali jew sabiex tiġi kkonstatata n-nullità ta' kuntratti, ta' ċerti klawżoli kuntrattwali jew ta' kundizzjonijiet ġenerali li huma inklużi f'dawn il-kuntratti (Artikoli 74 *et seq* taz-*Zakon o varstvu potrošnikov*, liġi fuq il-Protezzjoni tal-Konsumatur). Fil-Portugall, kemm konsumaturi kif ukoll assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi li ma humiex affettwati direttament għandhom *locus standi* (Artikolu 13 tal-*lei N°24/96 de defesa do consumidor*, liġi fuq il-protezzjoni tal-konsumatur) għal sospensjoni u għal kumpens.

40. F'dan ir-rigward, huwa utli li wieħed jinnota li, fuq il-pjan kwalitattiv, l-azzjonijiet ippreżentati minn individwi jew organizzazzjonijiet għall-interessi tal-konsumaturi sabiex tiġi kkonstatata n-nullità ta' diversi klawżoli kuntrattwali jew sabiex jiġi pprojbit l-użu tagħhom fil-kuntratti ma għandhomx għalfejn jiġu evalwati fuq il-bażi ta' kriterji differenti minn dawk applikabbli għall-azzjonijiet introdotti fuq bażi individwali minn konsumaturi. Il-kunsiderazzjonijiet li jiġġustifikaw il-protezzjoni rigoruża tal-konsumatur u li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat il-ġurisprudenza tagħha dwar l-Artikolu 6 tad-Direttiva 93/13 fir-rigward ta' proċeduri ta' natura individwali, jgħoddu, fil-prinċipju, bl-istess mod fir-rigward tal-imsemmija azzjonijiet. Fil-fatt, jeħtieġ intervent sabiex jiġi protett il-konsumatur, li ġeneralment jinstab f'pożizzjoni inferjuri, b'mod li l-bejjiegħ jew fornitur li juża klawżola inġusta jiġi skoraġġut. Mill-aspett proċedurali, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Jannar 2002, Il-Kummissjoni vs L-Italja [13], huwa possibbli li jiġu kkunsidrati bħala mezz ta' deterrent, minbarra l-azzjoni għall-konstatazzjoni ta' nullità tal-klawżola inkwistjoni, mezzi ta' prevenzjoni, bħalma huma l-azzjonijiet li jissospendu l-użu tal-imsemmija klawżoli [14].

41. L-azzjonijiet ta' interess kollettiv bħala mezz ta' rimedju kollettiv mhux biss jippermettu l-introduzzjoni ta' talbiet bħal dawn, iżda għandhom ukoll karatteristiċi li jiġġustifikaw li dawn jiġu kkunsidrati bħala strumenti effettivi ta' deterrent [15]. Kif jirriżulta mis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, din l-analiżi saret ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja [16]. Meta mqabbla mal-azzjoni individwali, l-azzjonijiet ta' interess kollettiv effettivament jippreżentaw ħafna vantaġġi. Peress li jiġu aggregati l-interessi tal-konsumaturi, dawn l-azzjonijiet huma ta' natura li jirnexxu fil-qorti. Permezz ta' azzjonijiet ta' interess kollettiv, l-assoċjazzjonijiet li jiddefendu l-interessi tal-konsumaturi jippermettu lill-konsumaturi li jinstemgħu u jagħtuhom piż, li ma tantx ikun possibbli permezz ta' azzjoni individwali, minħabba s-sitwazzjoni tipika tagħhom ta' inferjorità. Fl-aħħar nett, l-azzjonijiet ta' interess kollettiv jikkontribwixxu għall-fatt li l-pożizzjoni tal-konsumaturi tissaħħaħ fuq il-pjan proċedurali u jeħlishom b'mod partikolari mir-riskju finanzjarju marbut ma' litigazzjoni ċivili, fl-eventwalità li jitilfuha, riskju li jista' jiskoraġġixxi konsumatur milli jasserixxi individwalment id-drittijiet legali tiegħu, l-istess bħalma jagħmel valur f'kawża li jkun żgħir wisq sabiex jiġġustifika l-ispejjeż li jeħel fuq bażi individwali [17]. Meta l-interessi tal-konsumaturi fil-qorti jitħarsu permezz ta' rimedju kollettiv, jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi rispettivi tal-konsumaturi u tal-bejjiegħa jew fornituri, tiġi żgurata l-lealtà tal-kompetizzjoni u jintwera li teħtieġ mill-inqas ukoll l-azzjoni ta' interess kollettiv għall-protezzjoni tal-konsumatur daqs kemm teħtieġ l-azzjoni individwali.

42. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-persuni jew organizzazzjonijiet li għandhom *locus standi* jistgħu jinvokaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-Artikolu 6(1), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi dwar din it-tip ta' azzjoni, bħar-regola ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva [18], sabiex jipprojbixxu l-użu ta' klawżoli inġusti.

13 — C-372/99, Ġabra. p. I-819.

14 — *Ibidem*, punti 14 u 15.

15 — Ara, f'dan is-sens, G. Paisant, "Les limites de l'action collective en suppression de clauses abusives", *La Semaine Juridique — Édition générale*, Nru 18, 2005, II-10057, li jinnota n-natura preventiva tar-rimedju kollettiv. Skont dan l-awtur, ir-rimedju kollettiv għandu l-għan li jevita li konsumaturi ġodda jkunu vittmi ta' klawżoli kuntrattwali li huma kkunsidrati inġusti.

16 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punti 14 u 15), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tammetti b'mod partikolari n-natura dissważiva tal-azzjoni kollettiva billi tevoka n-"natura preventiva u l-għan dissważiv tal-azzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti".

17 — Dawn il-fatturi huma ġustament innotati minn P. Del Chiappa, "Le associazione, la rappresentanza e la partecipazione dei consumatori", *I diritti dei consumatori* (editjat minn Guido Alpa), Vol. II, Torino 2009, p. 726 kif ukoll f'"La tutela individuale e collettiva dei consumatori", *I diritti dei consumatori* (editjat minn Guido Alpa), Vol. I, Turin 2009, p. 146, u minn A.-C. Fornage, *La mise en oeuvre des droits du consommateur contractant* (editjat minn Andreas Furrer *et.*), Brussell 2011, p. 378. Meta l-bilanċ bejn l-ispiża u l-benefiċċji ta' azzjoni mibdija mill-konsumatur ma jkunx jidher favorevoli, huwa ġeneralment ser jirrinunzja milli jasserixxi d-drittijiet tiegħu fil-qorti. L-awturi ċċitati iktar 'il fuq għalhekk iqisu li protezzjoni legali individwali hija meħtieġa, għalkemm ma hijiex biżżejjed, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur fuq tul ta' żmien.

18 — Ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2004, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-70/03, Ġabra p. I-7999) dwar ir-regola ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 u dwar id-differenza li teżisti f'dan l-artikolu bejn l-azzjonijiet li jimplikaw konsumatur individwali u l-azzjonijiet għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jikkonċernaw individwi jew organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interess kollettiv tal-konsumaturi. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat din id-distinzjoni permezz tal-għan differenti ta' dawn l-azzjonijiet. Fl-ewwel każ, il-qrati jew il-korpi kompetenti jissejħu sabiex jagħmlu evalwazzjoni *in concreto* fuq in-natura inġusta ta' klawżola li tkun tagħmel parti minn kuntratt li diġà ġie konkluż, filwaqt li, fit-tieni każ, jintalbu jagħmlu evalwazzjoni *in abstracto* fuq in-natura inġusta ta' klawżola li tista' li tiġi inkorporata f'kuntratti li għadhom ma ġewx konklużi.

43. Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti li sistema ta' protezzjoni legali kollettiva tat-tip kif prevista fil-liġi Ungeriża, li tirrikorri għall-istrument tal-azzjoni ta' interess kollettiv, bħala prinċipju tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 93/13. Madankollu, għadu mhux ċar jekk din is-sistema, fl-implementazzjoni prattika tagħha, tissodisfax dawn ir-rekwiżiti. Dan huwa l-aspett li issa għandu jiġi eżaminat.

3. Fuq l-implementazzjoni ddettaljata tal-azzjoni ta' interess kollettiv

44. Kif jirriżulta mit-tnax-il premessa tagħha, id-Direttiva 93/13 wettqet biss armonizzazzjoni parzjali u minima tal-liġijiet nazzjonali dwar il-klawżoli inġusti [19]. F'dawn il-kundizzjonijiet, ma jistax jiġi preżunt li l-imsemmija direttiva kellha l-għan li tarmonizza r-rimedji kollettivi fil-qasam tat-tilwim fir-rigward tal-konsum. Madankollu, din il-konstatazzjoni ma teskludix li tiġi kkonstatata armonizzazzjoni parzjali tal-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju ta' tali rimedji kollettivi skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva [20].

45. Jimmilitaw favur armonizzazzjoni parzjali r-rekwiżiti speċifiċi dwar l-organizzazzjoni tal-proċedura. Indipendentement minn dan, il-possibbiltà miftuħa għall-Istati Membri mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva, li jintroduċu fl-ordinamenti ġuridiċi rispettivi tagħhom ukoll l-istrument tal-azzjoni ta' interess pubbliku indirettament tipprovdi gwida dwar kif għandha tiġi organizzata din il-proċedura u fuq kollox dwar l-effetti legali li għandhom ikollhom id-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali, peress li tali sistema ta' protezzjoni tista' tgħin sabiex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi b'mod effettiv u adegwat biss meta ċerti rekwiżiti speċifiċi huma sodisfatti.

46. F'termini proċedurali, l-eżistenza ta' tali sistema ta' protezzjoni kollettiva tinvolvi qabel kollox li l-persuni jew organizzazzjonijiet li jiddefendu l-interessi tal-konsumatur għandhom ikunu jistgħu jitolbu li tingħata konstatazzjoni ġudizzjarja tan-nullità tal-klawżoli inġusti kkontestati, kif ukoll il-projbizzjoni ta' użu ulterjuri tagħhom fil-kuntratti. Huwa għalhekk li l-Artikolu 7(2) jimponi l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jippermettulhom li jersqu fi qrati jew korpi amministrattivi. F'termini legali, din id-dispożizzjoni timplika li huwa xieraq li tiġi rrikonoxxuta fir-rigward tagħhom il-kapaċità tagħhom sabiex jaġixxu jew jersqu quddiem l-awtorità kompetenti [21]. Dan jiżgura l-istatus proċedurali li jippermettilhom li jiddefendu l-interessi ta' terzi b'mod effettiv u adegwat.

a) Effetti legali ta' konstatazzjoni ġudizzjarja fir-rigward ta' terzi

i) Karatteristiċi tal-proċedura ta' kontroll *in abstracto* msemmija fl-Artikolu 7(2)

47. Sabiex wieħed isir jaf liema effetti legali għandhom ikollhom id-deċiżjonijiet nazzjonali sabiex jittieħed debitament inkunsiderazzjoni l-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi, għandu jsir riferiment qabelxejn għad-dispożizzjoni ċentrali tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, skont liema l-klawżola inkwistjoni ma torbotx lill-konsumatur. Id-Direttiva għaldaqstant timponi s-sanzjoni, fuq l-Istati Membri, li tintrabat imperattivament man-natura inġusta ta' klawżola. Il-fatt li l-klawżola ma torbotx lill-konsumatur, skont il-kliem tad-direttiva, ifisser li l-klawżola ma għandha l-ebda effett ġuridiku fir-rigward tiegħu. Il-konsumatur ma huwiex awtomatikament marbut legalment mill-ħlasijiet imposti fuqu f'tali klawżola. In-nuqqas ta' effett huwa għalhekk *ipso jure*, u għalhekk ma jiddependix fuq deċiżjoni tal-qorti. Konsegwentement, il-qorti hija limitata li tikkonstata li l-istipulazzjonijiet inkwistjoni ma humiex ta' natura li jistgħu jorbtu lill-konsumatur [22].

19 — Ara s-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (C-484/08, Ġabra p. I-4785, punti 28 u 29).

20 — T. Pfeiffer, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 11), Artikolu 7, punt 20, p. 5.

21 — Ara P. Ulmer, "Zur Anpassung des AGB-Gesetzes an die EG-Richtlinie über mißbräuchliche Klauseln in Verbraucherverträgen", *Europäische Zeitschrift für Wirtschaftsrecht*, 1993, p. 337.

22 — Ara E. Kapnopoulou, Das Recht der missbräuchlichen Klausel in der Europäischen Union, *Tübingen* 1997, p. 150 *et seq*.

48. Il-kunċett ta' "natura mhux vinkolanti" innifsu huwa ambigwu u jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola huma finalment dawk previsti mil-liġi nazzjonali. Dawn jistgħu jvarjaw minn ordinament ġuridiku għall-ieħor. Huwa b'mod partikolari għalhekk li l-Artikolu 6(1), tad-Direttiva 93/13 juża kunċett newtrali [23]. Din id-dispożizzjoni tad-Direttiva tistabbilixxi biss għan li għandu jintlaħaq mill-Istati Membri mingħajr ma tippreċiża jekk il-klawżola inkwistjoni għandhiex tiġi kkunsidrata nulla jew mingħajr effett. Din id-dispożizzjoni tħalliha f'idejn il-liġi nazzjonali biex tipprovdi sanzjoni legali speċifika marbuta man-natura inġusta ta' klawżola [24]. L-użu, mil-leġiżlatur tal-Unjoni, ta' termini newtrali hija bbażata fuq rikonoxximent tad-diversità tas-sistemi tal-liġi ċivili u t-tradizzjonijiet ċivili fi ħdan l-Unjoni [25].

49. Madankollu, tibqa' l-mistoqsija dwar sa fejn is-sanzjoni tan-nuqqas ta' natura vinkolanti prevista b'din id-dispożizzjoni tad-Direttiva tista' tkun applikabbli għall-benefiċċju tal-konsumaturi involuti f'każijiet ta' rimedju kollettiv. Fil-fatt, id-deċiżjonijiet tal-qorti f'tilwima kuntrattwali skont ir-regoli tal-proċedura tal-Istati Membri għandhom, fil-prinċipju, effett bejn il-partijiet biss [26], liema fatt iqajjem problema fundamentali. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 bil-mod ikkontemplat mill-qorti tar-rinviju fl-ewwel parti tal-ewwel domanda, fis-sens li klawżola inġusta ma torbot l-ebda konsumatur meta organu nnominat mil-liġi u debitament awtorizzat jiddikjara, f'isem il-konsumatur, nulla klawżola inġusta li tinsab f'kuntratt ta' konsum twassal sabiex l-effetti ta' deċiżjoni tal-qorti jestendu għal terzi. Jidher li huwa neċessarju li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-effetti ta' tali deċiżjoni tal-qorti fuq ir-relazzjoni legali bejn il-bejjiegħ jew fornitur konvenut u kwalunkwe terz għall-kawża, peress li l-ordinament ġuridiku Ungeriż jipprovdi tali possibbiltà fit-taqsima 209/B(1) tal-Ptk.

50. Ċertament, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja sa issa ddeċidiet biss dwar il-portata tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 fir-rigward ta' rimedji individwali. Dan ma jfissirx li l-konstatazzjoni ġudizzjarja tan-natura inġusta ma jista' jkollha l-ebda effett ġuridiku fir-rigward ta' terzi għall-kawża. Kif diġà ġie spjegat [27], din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli biss għar-rimedji individwali, iżda, bħala dispożizzjoni ġenerali, din hija intiża li tapplika wkoll għall-mekkaniżmi ta' protezzjoni legali tan-natura kollettiva msemmija fl-Artikolu 7(2), tal-imsemmija direttiva.

23 — Il-ġenesi tad-Direttiva 93/13 tista' tikkontribwixxi għal ftehim aħjar tal-imsemmi kunċett. Il-proposti tad-direttiva kienu għadhom jipprovdu n-"nullità" ta' klawżoli inġusti. Fir-rigward tad-diffikultajiet marbuta mal-partikolaritajiet tad-diversi ordinamenti ġuridiċi nazzjonali f'dak li jirrigwarda dan il-kunċett ġuridiku, fi ħdan il-Kunsill tqajmu kritiki f'dan ir-rigward. Huwa għalhekk li, fil-pożizzjoni komuni, il-Kunsill iddeċieda li jirrikorri għall-kunċett, legalment inqas sensibbli, ta' "nuqqas ta' infurzar" ta' klawżoli inġusti fir-rigward tal-konsumatur, bl-għan li l-Istati Membri jitħallew jiddeterminaw b'mod preċiż it-tip ta' sanzjoni marbuta man-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali. Din id-denominazzjoni kienet għadha ma dehritx manifestament "newtrali" biżżejjed, u dan għaliex il-Parlament Ewropew issuġġerixxa l-fraži l-ġdida "ma torbotx lill-konsumaturi", li l-Kummissjoni użat fil-proposta eżaminata mill-ġdid tad-direttiva, qabel ma din ġiet adottata mill-Kunsill fil-verżjoni definittiva tal-imsemmija direttiva (ara A. Ponick, Die Richtlinie über missbräuchliche Klauseln in Verbraucherverträgen und ihre Umsetzung im Vereinigten Königreich, Munster 2003, p. 68).

24 — Ara T. Pfeiffer, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 11), Artikolu 6, punt 1, p. 1. Dan l-awtur jinterpreta l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 fis-sens li jħalli f'idejn l-Istati Membri sabiex jieħdu ħsieb li jikkonkretizzaw, fir-rigward tat-teknika legali, in-natura mhux vinkolanti tal-klawżoli inġusti.

25 — Ara, pereżempju, dwar l-oriġini tad-dritt ċivili Ewropew, M. Rainer, *Introduction to Comparative Law*, Vjenna 2010, p. 27 *et seq.*

26 — Skont ir-regoli tal-proċedura tal-parti l-kbira tal-Istati Membri, deċiżjoni tal-qorti mogħtija fir-rigward ta' tilwima kuntrattwali konkreta dwar in-natura inġusta ta' klawżola ma hijiex biżżejjed, bħala prinċipju, sabiex tostakola t-tkomplija tal-użu tal-imsemmija klawżola, b'mod partikolari minħabba li l-awtorità ta' *res judicata* tapplika biss bejn il-partijiet fil-kawża. Madankollu, ċerti ordinamenti ġuridiċi jipprovdu eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju sabiex il-konsumaturi jiġu protetti mill-klawżoli inġusti, bħal pereżempju fil-Polonja, fl-Ungerija, u fis-Slovenja fejn l-effett *erga omnes* tad-deċiżjonijiet tal-qorti huwa rrikonoxxut [ara M. Ebers, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 10), p. 431]. Ċerti Stati Membri, fl-interess tal-protezzjoni tal-konsumaturi, ipprevedew mekkaniżmi intiżi sabiex jipprevjenu l-użu, min-naħa ta' bejjiegħa jew fornituri, ta' klawżoli analogi li ma jkunux koperti mill-awtorità ta' *res judicata* mogħtija lil deċiżjoni tal-qorti: għalhekk, pereżempju, fir-Renju Unit, azzjoni għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tista' tkun, skont l-Artikolu 12(4) tal-Unfair Terms in Consumer Contracts Regulations 1999, mhux biss fuq klawżola partikolari, iżda wkoll fuq klawżoli analogi jew klawżoli li għandhom effett paragunabbli. Bl-istess mod, f'Ċipru, l-azzjonijiet għal inibizzjoni jistgħu jitressqu mhux biss fir-rigward ta' bejjiegħ jew fornitur ta' servizzi partikolari, iżda wkoll kontra firxa ta' bejjiegħa jew fornituri li jużaw jew jirrakkomandaw l-użu ta' klawżoli identiċi jew analogi, b'mod indipendenti minn jekk il-bejjiegħa jew fornituri inkwistjoni joperawx fl-istess settur jew le. Konsegwentement, huwa possibbli li jiġi evitat, f'dawn il-pajjiżi, li xi bejjiegħa jew fornituri jduru ma' deċiżjonijiet tal-qorti billi jissostitwixxu l-klawżola kontenzjuża bi klawżoli inġusti analogi [ara M. Ebers, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 10), p. 432].

27 — Ara l-punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

51. Sabiex l-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi fil-kuntest ta' proċedura għall-protezzjoni legali ta' natura kollettiva jiġi sodisfatt b'mod effettiv, is-sanzjoni tan-nuqqas ta' natura vinkolanti tal-klawżola li jimponi l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandha tapplika wkoll meta l-individwi jew organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 93/13 ikunu ppreżentaw azzjoni fl-interess tal-konsumaturi kkonċernati, għaliex, inkella, ir-rimedju kollettiv ikollu utilità baxxa wisq għall-konsumaturi. Fil-fatt, wieħed ma għandux jinsa li l-kontroll *in abstracto*, bħala strument ta' protezzjoni legali ta' natura kollettiva, kien maħsub sabiex jiġu eliminati klawżoli inġusti "imfassla għall-użu ġenerali". Klawżoli ta' dan it-tip huma maħsuba sabiex jintużaw f'numru kbir ta' kuntratti konklużi mal-konsumaturi. Konsegwentement, huwa biss possibbli li dawn jiġu miġġielda b'mod effettiv bil-kundizzjoni li d-deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li kkonstatat in-natura inġusta tal-klawżola partikolari tibbenefika, sa ċertu punt, minn effett wiesa'[28].

52. Madankollu, l-imsemmija direttiva ma tispeċifikax b'liema mod konstatazzjoni ġudizzjarja tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali għandha tkun tista' tipproduċi effetti legali li jmorru lil hinn minn dawk marbuta mal-proċedura individwali. Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet iktar speċifiċi fil-livell tad-dritt tal-Unjoni, wieħed għandu jibbaża fuq il-premessa li l-Istati Membri żammew is-setgħat leġiżlattivi tagħhom f'dan il-qasam. Din il-konklużjoni tagħmel ukoll sens loġiku, jekk wieħed jiftakar li r-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13 japplikaw kemm għall-proċeduri tal-qorti kif ukoll għall-proċeduri amministrattivi li l-organizzazzjoni tagħhom tista' tvarja b'mod kunsiderevoli minn Stat Membru għall-ieħor. Approċċ bħal dan huwa, barra minn hekk, konformi mal-prinċipju ta' awtonomija tal-Istati Membri fil-qasam tal-organizzazzjoni u tal-proċedura mħaddan fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, skont liema l-Istati Membri jibqgħu responsabbli, matul l-implementazzjoni indiretta tal-liġi tal-Unjoni, għall-istabbiliment u l-organizzazzjoni istituzzjonali tal-awtoritajiet kompetenti; f'dan ir-rigward, fil-prinċipju huma jimplementaw ir-regoli proċedurali nazzjonali u l-liġi kostituzzjonali tagħhom[29].

53. Meta jitqies il-fatt li huwa biss l-istrument tal-azzjoni ta' interess kollettiv li huwa inkwistjoni f'dan il-każ, se nillimita l-analiżi tiegħi għall-elementi ta' proċedura ċivili li jistgħu jiġu kkunsidrati. Sabiex nieħdu eżempju wieħed, mod effettiv li jista' jiġi kkunsidrat ikun li nespandu l-awtorità ta' *res judicata* marbuta ma' deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonstata n-natura inġusta ta' klawżola f'każ partikolari, li fil-prinċipju huwa konformi mad-Direttiva 93/13[30]. Minn naħa, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet reċentement għal darb'oħra fis-sentenza Asturcom Telecomunicaciones[31], fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni dwar dan il-qasam fid-dritt tal-Unjoni, il-proċeduri għall-implementazzjoni tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* jirriżultaw mill-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar[32]. Min-naħa l-oħra, estensjoni tal-awtorità ta' *res judicata* biex tinkludi lil terzi tippermetti sabiex jinkiseb in-nuqqas ta' natura vinkolanti tal-klawżola fir-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni. Huwa finalment f'idejn l-Istati Membri li jiddeterminaw liema mod huwa l-iktar adegwat u effettiv fid-dawl tal-kundizzjonijiet prevalenti fi ħdan l-ordinament ġuridiku kkonċernat. F'dan il-qasam, l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali rigward l-effettività tal-mezz magħżul.

54. L-Istat Membru madankollu ma huwiex ħieles mill-obbligu li jirrikorri għal miżuri oħra jekk l-ineffettività ta' strument tiġi aċċertata mil-liġi nazzjonali[33]. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li s-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Istati Membri bl-ebda mod ma hija mingħajr limiti. Għall-kuntrarju, Stat Membru jista' jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali li għandu biss b'osservanza

28 — E. Kapnopoulou, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 22), p. 161, osserva li l-klawżoli ddikjarati inġusti fir-rigward ta' rimedju kollettiv ġeneralment ma jibqgħux jintużaw sussegwentement.

29 — Ara I. Augsberg, "Europäisches Verwaltungsorganisationsrecht und Vollzugsformen", *Verwaltungsrecht der Europäischen Union* (editjat minn J.P Terhechte), Baden-Baden 2011, paragrafu 6, punt 21, p. 219. Skont D. U. Galetta, Procedural Autonomy of EU Member States: Paradise Lost?, *Heidelberg 2011*, p. 11, l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri tiġi spjegata permezz tal-fatt li l-Unjoni Ewropea ma għandhiex kompetenza fil-qasam tal-liġi proċedurali. Il-prinċipji ta' effettività u ta' effett dirett tad-dritt tal-Unjoni jippermettu, madankollu, lil-leġiżlatur tal-Unjoni li juża l-liġi proċedurali nazzjonali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

30 — Ara, f'dan is-sens, T. Pfeiffer, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 11), Artikolu 7, punt 3, p. 2.

31 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 5).

32 — *Ibidem*, punt 38.

33 — Ara G. Paisant, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 15), II-10057, li f'dan ir-rigward tinvoka r-rekwiżit ta' effettività msemmi fl-Artikolu 7(1) u (2), tad-Direttiva 93/13.

tal-limitazzjonijiet ġenerali li jimponi fuqu d-dritt tal-Unjoni, li jfisser finalment li, minbarra l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-prinċipju ta' proporzjonalità tad-dritt tal-Unjoni jipprekludi miżuri eċċessivi [34]. L-aċċenn espliċitu tal-kriterju ta' adegwatezza fl-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva fir-rigward tal-mezz magħżul juri li l-prinċipju ta' proporzjonalità jikkostitwixxi element ġuridiku ta' referenza importanti li fid-dawl tiegħu għandha tkun evalwata l-konformità tal-imsemmi mezz mad-dritt tal-Unjoni.

ii) Il-konformità ta' effett *erga omnes* ta' deċiżjonijiet nazzjonali tal-qorti li jikkonstataw in-natura inġusta ta' klawżola

55. Wara li ġew ippreżentati l-karatteristiċi ewlenin tal-proċedura ta' kontroll *in abstracto* msemmija fl-Artikolu 7(2), issa għandu jiġi vverifikat jekk id-Direttiva 93/13 tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, li tagħti lid-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati nazzjonali effett legali mhux biss lill-partijiet fil-proċeduri ġudizzjarji, iżda wkoll lil kull persuna li tikkonkludi kuntratt mal-bejjiegħ jew fornitur (effett *erga omnes*).

56. Għal dan il-għan, għandha qabel kollox tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-konformità tal-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali mal-kriterju tal-effettività filwaqt li f'dan ir-rigward, il-leġiżlatur nazzjonali, f'konformità ma dak li ntqal qabel, għandu jingħata marġni ta' diskrezzjoni suffiċjenti għall-finijiet tal-organizzazzjoni tal-liġi nazzjonali tiegħu ta' proċedura ċivili.

57. Il-konstatazzjoni ġudizzjarja tan-nullità ta' klawżola meqjusa bħala inġusta b'effett għall-kuntratti ta' konsum kollha konklużi mill-bejjiegħ jew fornitur konvenut, oġġettivament tikkontribwixxi sabiex l-użu ta' din il-klawżola fil-kuntratti jitwaqqaf. L-effett *erga omnes* mehmuż ma' tali deċiżjoni jħassar f'kolp wieħed il-klawżola inkwistjoni fil-kuntratti kollha fejn hija tidher, mingħajr ma l-konsumaturi individwali jkollhom għalfejn jikkontestawha fil-qorti. Il-konstatazzjoni tan-nullità tal-klawżola twassal sabiex timponi waħda mis-sanzjonijiet l-iktar ħorox li l-liġi ċivili tista' tipprovdi. Dan jiżgura l-implementazzjoni tar-rekwiżit tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, jiġifieri li jiġi pprovdut li l-klawżola inkwistjoni ma torbotx lill-konsumatur. Huwa partikolarment minħabba l-portata kunsiderevoli ta' tali deċiżjoni tal-qorti li huwa possibbli li wieħed jassumi li din id-deċiżjoni ser ikollha, minbarra dan, effett ta' deterrent fuq bejjiegħa jew fornituri oħra li jixtiequ jużaw klawżoli analogi fil-kuntratti tagħhom. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni għalhekk tista' tikkontribwixxi, anki fit-tul, għall-protezzjoni tal-konsumaturi.

58. Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tissodisfa r-rekwiżit ta' effettività msemmi fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 93/13.

59. L-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali tikkostitwixxi wkoll mezz adegwat sabiex l-użu ta' klawżoli inġusti "fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi minn [bejjiegħ jew fornitur]" jintemmu [Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13]. Fi kwalunkwe każ, ma hemm l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li l-imsemmija leġiżlazzjoni tikser b'mod sproporzjonat id-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, b'mod li tkun mezz inadegwat ta' protezzjoni tal-konsumaturi. B'mod partikolari, bejjiegħa jew fornituri li ma ħadux sehem fil-proċeduri li wasslu għad-deċiżjoni ta' konstatazzjoni ma għandhom ibatu b'mod sproporzjonat, u bi ksur tad-dritt tagħhom li jinstemgħu, l-ebda effett tal-imsemmija deċiżjoni. Fil-fatt, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali ċċitati fil-punti 11 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet, partikolarment l-Artikolu 209/B(2) tal-Ptk., għandhom ikunu bbażati fuq il-premessa li n-nuqqas ta' natura vinkolanti jgħodd biss fir-rigward tal-bejjiegħ jew fornitur konvenut fl-azzjoni. L-effett *erga omnes* tad-deċiżjoni mogħtija fir-rigward tiegħu għaldaqstant ma japplikax b'mod mhux diskriminatorju lejn bejjiegħa jew fornituri oħra li, pereżempju, jużaw klawżola miktuba bl-istess mod, mingħajr ma jkunu pparteċipaw fil-proċedura li wasslet għall-konstatazzjoni tan-natura mhux vinkolanti tal-klawżola inkwistjoni.

34 — Ara T. Pfeiffer, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 11), Artikolu 7, punt 3, p. 2.

60. Li kieku dan kien il-każ, kienu jqumu oġġezzjonijiet serji mil-lat tal-liġi proċedurali u tad-drittijiet fundamentali: effett *erga omnes* rigward persuni li ma ppartećipawx fil-proċedura jkun diffiċli li jiġi rrikonċiljat mar-rekwiżiti għal smigħ xieraq, speċjalment peress li dawk ikkonċernati ma jibbenefikawx mill-opportunità li, qabel ma tingħata deċiżjoni li tikkonċernahom, jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-ilment ibbażat fuq l-użu ta' klawżoli inġusti fil-kuntratti li huma jikkonkludu. Id-dritt għal smigħ, li jitqies bħala riżultat tal-prinċipju tal-istat tad-dritt u huwa parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni [35], ma jkunx irrispettat b'mod xieraq fil-każ ta' effett *erga omnes* li jgħodd b'mod indiskriminatorju fir-rigward ta' individwi li ma ppartećipawx fil-kawża, u għaldaqstant, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tkunx xierqa fis-sens tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13. F'dan ir-rigward, għandu madankollu jiġi enfasizzat li l-kwistjoni tal-konformità mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni tqum biss sa fejn effett *erga omnes* ta' deċiżjonijiet nazzjonali tal-qorti huwa fost il-mezzi li jaqgħu fl-ambitu tal-implementazzjoni tad-Direttiva 93/13. Għall-kuntrarju, effett *erga omnes* favur individwi li ma humiex involuti fil-proċedura ma jqajjem l-ebda oġġezzjoni. Peress li ksur tad-drittijiet fundamentali tad-difiża, tal-inqas skont l-elementi tal-fajl li ngħataw lill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jidhirx probabbli, għall-finijiet tal-analiżi li ġejja, wieħed għandu jassumi li l-kriterju tal-adegwatezza huwa wkoll sodisfatt.

61. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 6(1), moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 93/13, ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali skont liema dispożizzjoni klawżola kuntrattwali inġusta użata minn bejjiegħ jew fornitur partikolari ma torbot l-ebda konsumatur jekk qorti nazzjonali tannulla xi klawżola inġusta li tidher f'kuntratt ta' konsum fuq talba ta' organu nnominat mil-liġi u debitament awtorizzat għal dan l-effett.

iii) Il-konformità ta' azzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni

62. Permezz tat-tieni parti tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-Direttiva 93/13 tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti organu nnominat mil-liġi u debitament awtorizzat li jibda azzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mill-użu ta' klawżoli inġusti li n-natura inġusta tagħhom ġiet ikkonstatata qabel f'deċiżjoni tal-qorti.

63. Għandu qabel kollox jiġi osservat li, ħlief li tikkostitwixxi kontroll minn qabel tal-kundizzjonijiet ġenerali użati f'tali jew tali settur ekonomiku fis-sens tal-erbgħa u għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13, din ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jorganizzaw il-liġi proċedurali tagħhom b'mod li jippermetti t-teħid ta' miżuri preventivi intiżi sabiex ixekklu l-użu ta' klawżoli inġusti fil-kuntratti. Fil-fatt il-każ huwa totalment l-oppost, kif jirriżulta mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tal-imsemmija direttiva.

64. Minn naħa, l-imsemmija dispożizzjoni tad-Direttiva 93/13 tistipula li persuni jew organizzazzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jersqu quddiem il-qrati kompetenti sabiex mhux biss jiddeterminaw jekk il-klawżoli tal-kuntratt humiex ta' natura inġusta, iżda wkoll sabiex japplikaw "mezzi xierqa u effettivi biex jipprevjenu li jkomplu jintużaw dawn il-klawżoli". Fir-rigward tal-kuntest normattiv speċifiku li fih tidħol l-imsemmija dispożizzjoni, il-kunċett ġuridiku mhux speċifiku ta' "mezzi" li jinsab fid-dispożizzjoni għandu jinftiehem bħala kull deċiżjoni ġudizzjarja jew, fejn xieraq, amministrattiva prevista fil-liġi proċedurali nazzjonali u li tista' tiġi adottata fuq talba jew *ex officio* għall-protezzjoni tal-konsumatur. Mill-kliem tad-dispożizzjoni inkwistjoni tad-Direttiva 93/13 qabelxejn jirriżulta li l-awturi tal-imsemmija direttiva jagħmlu distinzjoni bejn żewġ tipi ta' kategoriji kumplimentari ta' azzjonijiet ta' interess kollettiv. Fl-ewwel kategorija taqa' l-proċedura intiża sabiex tikkonstata n-natura inġusta tal-klawżola, filwaqt li t-tieni kategorija tinkludi l-"mezzi adegwati u effettivi" l-oħra kollha li għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri.

35 — Ara s-sentenzi tal-4 ta' Lulju 1963, Alvis vs il-Kunsill (32/62, Ġabra. p. 99, p. 109); tas-26 ta' Ġunju 1980, National Panasonic vs il-Kummissjoni (136/79, Ġabra p. 2033, punt 21), u tal-14 ta' Mejju 1998, Windpark Groothusen vs Il-Kummissjoni (C-48/96 P, Ġabra. p. I-2873, punt 47).

65. Barra minn hekk, minn din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 93/13 jirriżulta li l-mezzi li għandhom jiġu ddeterminati għandhom jiġu applikati għal klawżoli inġusti li ġew "ppreparati għal-użu ġenerali". Għaldaqstant, huwa importanti biss li wieħed ikun jaf jekk l-awtur għamilx il-klawżola bi ħsieb ta' użu possibbli. Għaldaqstant ma jeħtieġx li użu ġenerali jkun diġà previst b'mod konkret jew definit [36]. Din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 93/13 għandha l-għan li tagħti, lill-persuni kkonċernati, il-possibbiltà ta' protezzjoni legali kontra ksur futur ta' drittijiethom. Il-mod kif l-imsemmija dispożizzjoni ġiet redatta f'diversi verżjonijiet lingwistiċi [37] jikkonferma din l-interpretazzjoni. Hija tipproponi, fil-fatt, li għandhom jiġu addottati miżuri preventivi biex jevitaw li l-bejjiegħ jew fornitur fil-futur jagħmel użu minn klawżola inġusta partikolari fil-kuntratti li jikkonkludi.

66. Jirriżulta minn dawn l-elementi li l-introduzzjoni ta' azzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, iktar milli mezz aċċettat mil-liġi tal-Unjoni Ewropea, tikkostitwixxi ħtieġa proċedurali biex jintlaħaq l-għan stabbilit mill-imsemmija direttiva [38]. Il-protezzjoni legali kollettiva meħtieġa mill-Istati Membri bl-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13 ma tkunx kompluta fid-dawl tal-ispirtu u l-għan tal-imsemmija dispożizzjoni, jekk kull ma tagħmel huwa li tippermetti t-tneħħija ta' klawżola inġusta f'mument wieħed, mingħajr madankollu ma tipprovdi l-possibbiltà ta' projbizzjoni ġenerali fuq l-użu tal-imsemmija klawżola, kif ukoll, f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-projbizzjoni, ta' miżuri mmirati biex jassiguraw l-implementazzjoni tagħha.

67. Konxju minn din il-ħtieġa, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2009/22/KE, tat-23 ta' April 2009, dwar inġunzjonijiet [azzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni] għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi [39]. Din id-direttiva, li ħassret id-direttiva preċedenti, jiġifieri d-Direttiva 98/27/KE [40], li kienet ġiet emendata diversi drabi, għandha l-għan li tapprossimizza d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi tal-Istati Membri dwar azzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jiġu protetti l-interessi kollettivi tal-konsumaturi inklużi fid-direttivi elenkati fl-Anness I, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat il-fatt li fost id-direttivi elenkati fl-Anness I tal-imsemmija direttiva tidher ukoll id-Direttiva 93/13, li hija rilevanti għall-finijiet ta' dan il-każ preżenti. Id-Direttiva 2009/22 tikkumplimenta l-protezzjoni legali li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 93/13 jiżgura f'livell proċedurali [41].

68. Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/22, għandu *locus standi* "kull korp jew organizzazzjoni li, filwaqt li huwa debitament kostitwit skont il-liġi ta' Stat Membru, għandu interess leġittimu li jiżgura li d-dispożizzjonijiet [tal-protezzjoni tal-konsumaturi]". Peress li din id-dispożizzjoni taqbel fil-biċċa l-kbira ma' dik tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 93/13, hija għandha tinftiehem fis-sens li organizzazzjonijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi tat-tip tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-prinċipju jikkwalifikaw ukoll sabiex jibdew azzjoni, jekk kemm-il darba jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa f'dan ir-rigward mil-liġi nazzjonali.

69. Jekk wieħed jeżaminaha fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru iktar 'il fuq, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, kif hija ppreżentata fit-tieni parti tal-ewwel domanda, għandha titqies li hija tissodisfa, fi kwalunkwe każ, b'mod oġġettiv l-eżiġenzi ta' effittività, sa fejn hija tippermetti lil persuni jew organizzazzjonijiet li għandhom interess leġittimu sabiex jipproteġu lill-konsumaturi li jwasslu

36 — Ara T. Pfeiffer, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 11), Art. 7, punt 9, p. 3.

37 — Ara l-verżjoni lingwistika Ġermaniża ("im Hinblick auf"), Franċiża ("en vue de"), Spanjola ("con vistas a"), Portugiża ("com vista a") u Daniża ("med henblik på").

38 — Fir-"rapport fuq l-implementazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur", [COM (2000) 248 finali, p. 21], il-Kummissjoni tinnota li r-rikors quddiem korpi ġudizzjarji jikkostitwixxi l-uniku mod sabiex jitwaqqaf l-użu ta' klawżoli kuntrattwali inġusti. A.-C. Fornage, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 17), p. 380, isostni wkoll, billi jirreferi għall-kliem tal-Artikolu 7 kif ukoll għat-tlieta u għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13, li l-Istati Membri huma obbligati jaċċettaw l-introduzzjoni ta' azzjonijiet għal inibizzjoni minn assoċjazzjonijiet li jiddefendu l-interess tal-konsumaturi fl-interess ta' dawn tal-aħħar.

39 — ĠU L 110, p. 30

40 — Direttiva 98/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Mejju 1998, dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 43).

41 — Ara, f'dan is-sens, J. Stuyck, "Public and Private Enforcement in Consumer Protection: General Comparison EU-USA", *New Frontiers of Consumer Protection — The Interplay Between Private and Public Enforcement*, Oxford 2009, p. 78.

sabiex tiġi kkonstatata fil-qrati n-nullità ta' klawżola u li jibdew azzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-bejjiegħ jew fornitur ikkonċernat saħansitra qabel ma dan tal-aħħar juża fil-kuntratti tiegħu l-klawżola kuntrattwali meqjusa inġusta. Permezz tal-intervent bikri tal-qorti nazzjonali kompetenti għall-finijiet tat-twettiq ta' kontroll *in abstracto*, il-klawżola inkwistjoni ma tistax tiġi inkluża f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi. Barra minn hekk, il-possibbiltà prevista mil-liġi li tiġi kkonstatata n-nullità u li jintalab li din is-sanzjoni tapplika għall-futur u fil-kuntratti kollha konklużi mill-bejjiegħ jew fornitur fiha wkoll il-vantaġġ li jiġi evitat l-użu ripetut ta' klawżola li diġà ġiet ikkunsidrata bħala inġusta. Jekk, kif ta' spiss tipprevedi l-liġi proċedurali, kull nuqqas għall-mandat ta' inibizzjoni kellu jkun ferm sanzjonat, l-azzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tkun tikkostitwixxi arma iktar formidabbli sabiex tiġġieled kontra l-klawżoli inġusti.

70. Għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi osservat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tispeċifikax il-proċedura ekwivalenti għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel tat-tip ta' dik imsemmija fl-erbgħa u għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13, peress li l-użu ta' klawżola partikolari ma hijiex suġġetta, pereżempju, għall-awtorizzazzjoni ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva. Għall-kuntrarju, huma esklużivament l-individwi jew organizzazzjonijiet li għandhom *locus standi,* elenkati fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 93/13, li għandhom jiddeċiedu jekk humiex bi ħsiebhom jibdew proċedura ta' kontroll *in abstracto*.

71. Lanqas ma hemm xi indikazzjoni li l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali tippreġudika b'mod sproporzjonat xi drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'tali mod li finalment tikser ir-rekwiżit ta' adegwatezza. L-oġġezzjonijiet sostnuti hawn fuq fil-punt 59 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet kontra effett *erga omnes* fir-rigward ta' bejjiegħa jew fornituri li ma pparteċipawx fil-proċedura jgħoddu, *mutatis mutandis*, hawnhekk ukoll. Peress li dan il-kriterju huwa sodisfatt ukoll, hemm lok li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tintlaqa' bħala li hija konformi mad-Direttiva 93/13.

72. Konsegwentement, ir-risposta għat-tieni parti tal-ewwel domanda għandha tkun fis-sens li l-Artikolu 6(1), moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 93/13, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali skont liema, meta deċiżjoni tal-qorti mogħtija fil-kuntest ta' azzjoni ta' interess pubbliku tkun timplika kundanna wkoll għall-benefiċċju tal-konsumaturi li ma humiex parti fil-kawża jew il-projbizzjoni tal-użu ta' klawżola kuntrattwali inġusta mħejjija minn qabel, il-klawżola inġusta li tidher fil-kuntratt ta' konsum ma tkun torbot l-ebda konsumatur ikkonċernat, anki fil-futur, fir-relazzjonijiet tagħhom mal-bejjiegħ jew fornitur konvenut.

iv) Ir-rimbors ta' drittijiet u spejjeż iffatturati

73. Domanda addizzjonali, li ċertament ma tinsabx fost id-domandi preliminari, iżda li l-qorti tar-rinviju tixtieq manifestament tikseb risposta għaliha, hekk kif jirriżulta mill-iżviluppi li jidhru fid-digriet tar-rinviju, tikkonċerna l-konformità mad-Direttiva 93/13 ta' dispożizzjoni legali nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-konsumaturi li ma humiex parti mill-proċedura jistgħu jitolbu r-rimbors ta' drittijiet u spejjeż iffatturati fuq il-bażi ta' klawżoli inġusti. Il-qorti tar-rinviju fformulat id-domanda fis-sens li hija tixtieq tkun taf jekk il-konsumaturi li ma humiex parti mill-kawża jistgħux jibbażaw ruħhom fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 sabiex jinvokaw tali dritt għal rimbors.

74. Kif inhi fformulata, din id-domanda għandha tingħata, fl-opinjoni tiegħi, risposta negattiva, billi kulma l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi huwa li l-klawżoli inġusti "ma jorbtux" lill-konsumaturi, u li l-"kundizzjonijiet" ta' dan in-nuqqas ta' natura vinkolanti għandhom jiġu ddeterminati mil-liġijiet nazzjonali. Dan ifisser li l-implementazzjoni ta' dan in-nuqqas ta' natura vinkolanti titħalla f'idejn l-Istati Membri, mill-aspett tekniku-ġuridiku. Min-naħa l-oħra, id-Direttiva ma tirregolax id-drittijiet li jistgħu jiġu rrikonoxxuti lill-konsumaturi, f'dak li jikkonċerna r-restituzzjoni ta' benefiċċji riċevuti mill-bejjiegħa jew fornituri fejn in-natura mhux dovuta tagħhom tirriżulta mill-invalidità parzjali ta' kuntratt konkluż mal-konsumatur. Id-drittijiet ta' restituzzjoni huma maħsuba sabiex ireġġgħu lura trasferimenti ta' element patrimonjali, li l-effettività ġuridika

tagħhom ċertament inkisbet, iżda li ma humiex ġustifikati, b'mod li s-sitwazzjoni patrimonjali tkun tikkorrispondi mas-sitwazzjoni ġuridika konformi mal-liġi. Għalhekk id-drittijiet ta' restituzzjoni jagħtu ferm iktar minn dak li huwa, fir-realtà, mixtieq mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13. L-għan leġiżlattiv ta' din id-dispożizzjoni huwa limitat, fil-fatt, li jiżgura li l-klawżola kuntrattwali inġusta ma timponi l-ebda obbligu għall-konsumatur.

75. Meqjus mil-lat tar-rekwiżiti tal-protezzjoni legali kollettiva, li għalih tapplika wkoll din id-dispożizzjoni tad-Direttiva minħabba l-valur ġenerali tagħha, din id-domanda ma titlobx risposta differenti. L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva ċertament jeżiġi mezzi adegwati u effettivi sabiex jitwaqqaf l-użu ta' klawżoli inġusti. Madankollu ma jeżiġix adattament tas-sitwazzjoni patrimonjali għas-sitwazzjoni ġuridika konformi mal-liġi. Hija l-liġi nazzjonali li għandha tagħmel dan.

76. Fid-dawl tal-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti lill-konsumatur iktar drittijiet minn dak li tipprovdi d-Direttiva 93/13, għad hemm il-ħtieġa li jiġi eżaminat l-effett tal-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva f'dan ir-rigward. Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri li jadottaw dispożizzjonijiet iktar stretti kompatibbli mat-Trattat, fil-qasam kopert minn din id-direttiva, u dan sabiex jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni għall-konsumatur. Ma hemmx dubju li r-rikonoxximent ta' dritt għar-rimbors tad-drittijiet u spejjeż iffatturati mill-fornitur tas-servizzi fuq il-bażi ta' klawżoli inġusti jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-konsumatur. Barra minn hekk, din hija regola tal-liġi nazzjonali li taffettwa l-qasam ta' klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13. Fl-aħħar nett, peress li l-konformità tal-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt primarju ma tqajjem ebda kwistjoni, din ir-regola tal-liġi nazzjonali tissodisfa l-eżiġenzi applikabbli għall-eżerċizzju, skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, tal-kompetenza rrikonoxxuta mill-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva. Konsegwentement, id-Direttiva 93/13 ma tipprekludix tali regola tal-liġi nazzjonali.

B – *Fuq it-tieni domanda preliminari*

77. It-tieni domanda preliminari tista' tiġi effettivament analizzata bħala li tirrigwarda żewġ sensiliet separati ta' domandi. Il-qorti tar-rinviju qabel kollox tixtieq tkun taf jekk klawżola kuntrattwali li biha l-bejjiegħ jew fornitur jipprovdi emenda unilaterali ta' kundizzjonijiet kuntrattwali mingħajr ma jiddeskrivi b'mod ċar il-metodu ta' kif il-prezz jinbidel u lanqas jispeċifika raġuni valida fil-kuntratt għandhiex tiġi kkunsidrata bħala inġusta fis-sens tad-Direttiva 93/13. Fl-ipoteżi fejn ikun hemm lok li tingħata risposta affermattiva għal din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-liġi nazzjonali tistax tipprovdi li tali klawżola kuntrattwali tkun nulla *ipso jure*. Għal raġunijiet ta' ċarezza, nipproponi li nittrattaw iż-żewġ temi b'mod separat, waħda wara l-oħra.

1. L-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola kontenzjuża

a) L-għan ta' stħarriġ tal-mertu

78. Qabel ma tibda bl-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-imsemmija klawżola, il-qorti nazzjonali għandha tiżgura li din tista' tkun is-suġġett ta' stħarriġ tal-mertu, fid-dawl tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13. F'dan ir-rigward, għandu jsir riferiment għas-sentenza Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid[42], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-imsemmija dispożizzjoni ma kinitx maħsuba sabiex tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, iżda biss "sabiex [t]istabbilixxi l-metodi u l-portata tal-istħarriġ fil-mertu tal-klawżoli kuntrattwali, li ma ġewx innegozzjati individwalment, li jiddeskrivu l-prestazzjonijiet essenzjali tal-kuntratt konklużi bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur"[43]. Skont l-Artikolu 4(2), "[l]-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar".

42 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ paġna 19.

43 — *Ibidem*, punt 34.

79. Il-fatt li l-konvenuta fil-kawża prinċipali ffatturat lill-klijenti tagħha l-ispejjeż f'każ ta' pagament b'ordni ta' flus (money order) jista' jwassal sabiex, wara analiżi superfiċjali, jiġi ammess li l-prattika inkwistjoni tikkonċerna biss waħda mill-prestazzjonijiet essenzjali tal-kuntratt, jiġifieri l-prezz, b'mod li hija tkun biss tista' tiġi suġġetta għal stħarriġ tal-mertu skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 jekk l-abbozzar tal-klawżola inkwistjoni la kien ċara u lanqas jinftiehem. Madankollu, tali approċċ jinjora l-fatt li l-kawża tirrigwarda inqas fuq l-ammont ta' spejjeż milli fuq il-possibbiltà għall-konvenuta fil-kawża prinċipali li tibdel b'mod unilaterali l-kundizzjonijiet kuntrattwali applikabbbli għal ċerti provvisti. Id-domanda li tqum hija għalhekk iktar kumplessa milli jidher *prima facie*. Fil-fatt, għandha ssir evalwazzjoni, fid-dawl tad-Direttiva 93/13, ta' metodu partikolari ta' emenda ta' kuntratt li tista' tkun ta' żvantaġġ kunsiderevoli għall-konsumatur. Il-fatt li l-Artikolu 3(1), moqri flimkien mal-punt 1(j) tal-Anness, jirreferi għal sitwazzjoni analoga għandu jkun ikkunsidrat bħala indizju tal-intenzjoni tal-leġiżlatur li jissuġġetta l-metodi tal-emenda unilaterali ta' kuntratt għal evalwazzjoni iktar rigoruża skont id-Direttiva 93/13. Il-portata tal-klawżola u l-konsegwenzi tagħha għall-konsumatur jimmilitaw favur ir-rikonoxximent tan-neċessità ta' stħarriġ tal-mertu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma għandhomx jitnaqqsu b'mod eċċessiv ir-rekwiżiti dwar in-natura ċara u li tinftiehem tal-klawżola kkonċernata li jikkundizzjonaw it-twettiq ta' stħarriġ tal-mertu u li jaqgħu f'idejn il-qorti nazzjonali kompetenti sabiex jiġi kkonstatat skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [44].

b) In-natura indikattiva tal-lista u tqassim tal-kompetenzi

80. Fir-rigward tal-kwistjoni ċentrali dwar jekk il-klawżola kontenzjuża hijiex minnha nnifisha ta' natura inġusta, għandu jiġi kkonstatat li, b'referenza għall-kunċetti ta' *bona fide* u ta' żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 jiddefinixxi biss b'mod astratt l-elementi li jagħtu natura inġusta lil klawżola kuntrattwali li ma tiġix innegozjata individwalment [45]. F'dan il-kuntest, l-Anness li għalih jagħmel riferiment l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva fih biss lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' klawżoli [46] li jistgħu jiġu ddikjarati inġusti [47]. Klawżola li tidher hemmhekk ma għandhiex neċessarjament tiġi kkunsidrata bħala inġusta u, għall-kuntrarju, klawżola li ma tidhirx hemmhekk tista' madankollu tiġi ddikjarata inġusta [48]. Il-preżenza ta' klawżola fl-imsemmija lista għalhekk ma timplikax neċessarjament, waħedha, li hija inġusta wkoll.

81. Minkejja n-natura indikattiva li l-ġurisprudenza tirrikonoxxi lil tali ċirkustanza, hija neċessarja t-tfittxija dwar jekk il-klawżola kkonċernata hijiex jew le ta' natura inġusta fuq bażi ta' eżami awtonomu u ddettaljat. Din l-evalwazzjoni għandha sseħħ, skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom kien konkluż il-kuntratt u billi ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkustanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt, kif ukoll għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt, jew ta' kuntratt ieħor li dan il-kuntratt jiddependi fuqu.

82. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li hija l-qorti nazzjonali li, skont il-ġurisprudenza llum stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tiddetermina jekk klawżola kuntrattwali tissodisfax il-kriterji meħtieġa sabiex tiġi kklassifikata bħala "inġusta", fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva [49]. Għall-finijiet ta' din id-domanda preliminari, dan ifisser, hekk kif il-partijiet kollha fil-kawża indikaw b'mod unanimu fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, li hija l-qorti nazzjonali, u mhux il-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha tevalwa n-natura inġusta tal-klawżola kontenzjuża.

44 — Ara s-sentenza Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 32).

45 — Ara s-sentenzi Pannon GSM (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 37), u tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, Ġabra p. I-3403, punt 19).

46 — Kif jirriżulta mis-sbatax-il premessa, il-lista tal-Anness tista' tkun biss ta' valur indikattiv. Minħabba dan il-karattru minimali, hija tista' tkun is-suġġett ta' żidiet jew ta' formulazzjoni iktar restrittiva b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-portata ta' dawn il-klawżoli, mill-Istati Membri fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni tagħhom.

47 — Ara s-sentenzi Pannon GSM (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 38), u Freiburger Kommunalbauten (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 20).

48 — Ara s-sentenzi tas-7 ta' Mejju 2002, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-478/99, Ġabra p. I-4147, punt 20), u Freiburger Kommunalbauten (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 20).

49 — Ara s-sentenzi Freiburger Kommunalbauten (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 25); Pannon GSM (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 43); Mostaza Claro (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 23), u tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, Ġabra p. I-10847, punti 43 u 44).

83. Madankollu jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenza tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ngħatatilha bl-Artikolu 267 TFUE, tinterpreta l-kriterji ġenerali użati mil-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea sabiex tiddefinixxi l-kunċett ta' klawżola inġusta. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat reċentement ukoll fis-sentenza VB Pénzügyi Lízing [50], din il-kompetenza ta' interpretazzjoni tirrigwarda wkoll, b'mod partikolari, il-klawżoli elenkati fl-Anness tad-Direttiva 93/13. Min-naħa l-oħra, hija ma tistax tagħti deċiżjonijiet rigward l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji ġenerali għal klawżola kuntrattwali partikolari li għandha tiġi eżaminata fid-dawl taċ-ċirkustanzi effettivi tal-każ ikkonċernat [51].

84. Jidher impliċitu mid-domanda preliminari li l-qorti tar-rinviju donnha titlaq manifestament mill-premessa li l-klawżola kontenzjuża tikkorrispondi fil-biċċa l-kbira tagħha ma' dik imsemmija fil-punt 1(j) tal-Anness. Din l-evalwazzjoni ma tiġbed l-ebda kritika, tal-inqas fuq il-bażi tal-elementi fattwali stqarruti lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-proċess [52], il-konvenuta fil-kawża prinċipali introduċiet il-prattika kummerċjali kkontestata, li tikkonsisti f'fatturar tal-ispejjeż ta' ħlas b'ordni ta' ħlas ta' flus (money order), b'mod progressiv matul il-perijodu li jestendi minn Ġunju sa Ottubru 2008, permezz ta' emenda tal-kundizzjonijiet ġenerali tan-negozju tagħha. Madankollu jibqa' sempliċement il-kwistjoni li tkun taf jekk l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet ġenerali ġodda tan-negozju japplikawx biss għall-kuntratti ġodda konklużi jew jekk japplikawx b'mod uniformi mal-klijenti kollha. Fin-nuqqas ta' elementi iktar preċiżi dwar dan, jaqbel li wieħed jibda mit-tieni ipoteżi sabiex jitkompla r-raġunament. Eżami realistiku taċ-ċirkustanzi tal-fatti jikkorrobora wkoll dan l-approċċ, iktar u iktar minħabba li hemm lok li wieħed jassumi li bejjiegħ jew fornitur jippreferi applikazzjoni ġenerali ta' dawn il-kundizzjonijiet ġenerali tan-negozju għar-relazzjonijiet kuntrattwali kollha stabbiliti bejnu u l-klijenti tiegħu. Skont dan l-approċċ, il-kawża prinċipali tirrigwarda wkoll l-emenda *a posteriori* ta' klawżoli kuntrattwali tat-tip ta' dawk imsemmija fil-punt 1(j) tal-Anness.

85. Skont it-tqassim tal-kompetenzi fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ser tinterpreta biss id-dispożizzjoni ċċitata mid-Direttiva 93/13 billi tibbaża ruħha fuq il-klassifikazzjoni adottata mill-qorti tar-rinviju, filwaqt li tqis neċessarjament iċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali sabiex tkun tista' tagħti risposta utli għad-domandi preliminari.

ċ) Interpretazzjoni tad-deskrizzjoni rilevanti tal-klawżola

86. Id-dispożizzjoni ċentrali tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 tikkostitwixxi l-punt ta' tluq tal-interpretazzjoni. Skont din id-dispożizzjoni, klawżola kuntrattwali li ma tiġix innegozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, "kontra l-ħtieġa ta' *buona fede*, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur". Meta l-bejjiegħ jew fornitur jirriżerva d-dritt, bħal fil-kawża prinċipali, li jemenda b'mod unilaterali elementi importanti tal-kuntratt, li fosthom jinkludu l-prezz u l-ispejjeż marbuta mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, dan jista' jwassal, jekk ikun il-każ, għal sitwazzjoni li biha l-konsumatur isib ruħu suġġett għar-rieda tal-bejjiegħ jew fornitur, sakemm ma jibbenefikax b'mod eċċezzjonali mid-dritt li jikkontesta, f'ċerti każijiet, l-emenda inkwistjoni. Ir-riskju li jkunu żvantaġġjati huwa saħansitra ikbar meta l-klawżola tibqa' vaga dwar l-elementi tal-kuntratt li jistgħu jiġu emendati b'mod unilaterali mill-bejjiegħ jew fornitur. Tali stipulazzjoni tista' twassal sabiex eventwalment jinħoloq żbilanċ b'mod kunsiderevoli, għad-detriment tal-konsumatur, bejn id-drittijiet u obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt, minkejja l-eżiġenzi ta' *bona fide*. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta d-dritt ta' emenda tal-bejjiegħ jew fornitur ikun jirrigwarda, bħal fil-każ ineżami, is-suġġett essenzjali tal-kuntratt, u ma huwiex limitat biss għal elementi oħra tal-kuntratt. Dan huwa b'mod partikolari b'kunsiderazzjoni tar-riskji li tinkludi tali sitwazzjoni għall-konsumatur li l-awturi tad-Direttiva kienu daħħlu, taħt forma ġenerali, il-punt 1(j) tal-Anness.

50 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punt 44.

51 — Ara s-sentenzi Freiburger Kommunalbauten (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 45, punt 22); Pannon GSM (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 42); Mostaza Claro (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 22), u VB Pénzügyi Lízing (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punti 43 u 44).

52 — Ara p. 3 tar-risposta ppreżentata mill-konvenuta fil-kawża prinċipali fl-4 ta' Mejju 2009.

87. Madankollu, il-klawżoli li jippermettu emenda b'mod unilaterali fit-termini tal-kuntratt ma humiex inġusti fi kwalunkwe każ, iżda biss meta huma jagħtu d-dritt ta' emenda li ma huwiex suġġett għall-eżistenza ta' raġuni valida jew meta dawn ma jispeċifikawx din ir-raġuni. Il-mod kif il-punt 1(j) tal-Anness jinkiteb jibbaża fuq il-premessa li l-konsumatur huwa protett biżżejjed meta huwa jiġi infurmat immedjatament bil-possibbiltà u bil-kundizzjonijiet ta' emenda fit-termini ta' kuntratt. Raġuni valida ma timplikax, kif jirriżulta b'mod partikolari *a contrario* mill-kriterju ta' raġuni serja msemmija fil-punt 1(g), l-impossibbiltà assoluta li teżiġi ż-żamma tal-elementi kollha tad-deskrizzjoni kuntrattwali tal-provvisti. Għall-kuntrarju, kwalunkwe raġuni ta' importanza ġuridika suffiċjenti dwar l-emenda tad-deskrizzjoni tal-provvista prevista mill-klawżola hija biżżejjed. Għalhekk hija l-eżistenza ta' raġuni ġuridikament prevalenti, wara eżami tal-interessi involuti, li hija determinanti. Ir-raġuni tal-emenda għandha tiġi espliċitament deskritta fil-klawżola. Nuqqas milli jsir dan, ikun biżżejjed, fih innifsu, sabiex b'mod ġenerali jiġi kkunsidrat li l-klawżola hija ta' natura inġusta. Id-deskrizzjoni tar-raġuni għandha tinkiteb b'mod ċar u li jinftiehem għall-konsumatur. Dan l-obbligu jirriżulta direttament mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 li fi kliemu stess, il-klawżoli li jsiru bil-miktub għandhom dejjem jinkitbu b'mod ċar u li jinftiehem. Għal dan il-għan, ma huwiex biżżejjed, skont il-kliem u l-iskop tal-punt 1(j) tal-Anness, li l-klawżola sempliċement tkompli l-eżiġenzi impreċiżi ta' raġuni valida [53]. Għall-kuntrarju, għandha tiġi ddikjarata b'mod suffiċjentement trasparenti r-raġuni possibbli. Kif jirriżulta direttament mid-domanda preliminari, din il-kundizzjoni ma hijiex manifestament sodisfatta fil-każ ineżami, u għalhekk jeżistu ħafna elementi sabiex il-klawżola tiġi kklassifikata bħala inġusta. Madankollu hija l-qorti nazzjonali kompetenti fil-qasam li għandha tipproċedi għal tali klassifikazzjoni.

2. Fuq in-nullità *ipso jure*

a) Is-sanzjoni tan-nullità prevista mil-liġi nazzjonali

88. F'dak li jikkonċerna l-aħħar domanda, jiġifieri dik dwar jekk il-liġi nazzjonali tistax tissanzjona n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali permezz tan-nullità *ipso jure*, nirreferi qabel kollox għall-osservazzjonijiet li jidhru fil-punti 47 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

89. Bħalma spjegajt hemmhekk, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 sempliċement jipprovdi li l-klawżola inkwistjoni ma torbotx lill-konsumatur, filwaqt li l-konsegwenzi marbuta mal-konstatazzjoni ta' natura inġusta huma dawk li tipprovdi l-liġi nazzjonali. L-imsemmija dispożizzjoni tad-Direttiva għalhekk tipprevedi sempliċement ċertu riżultat li huma biss l-Istati Membri li għandhom jilħquh meta ssir it-traspożizzjoni tad-Direttiva, mingħajr ma tispeċifika jekk dan jimplikax li l-klawżola inkwistjoni għandha tiġi ddikjarata mingħajr validità jew mingħajr effett. Dan huwa tabilħaqq effett tal-liġi nazzjonali. Tali dispożizzjoni tikkorrispondi, barra minn hekk, man-natura ġuridika ta' direttiva bħala strument ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet li, skont l-Artikolu 288 TFUE, hija vinkolanti fir-rigward tar-riżultat li għandu jintlaħaq, filwaqt li jħalli għall-korpi nazzjonali l-kompetenza dwar il-forma u l-metodi.

90. F'dan il-kuntest, il-kunċett tan-nullità jaqbel fil-prinċipju mad-Direttiva 93/13, minħabba li jevita, skont l-għan segwit mill-Artikolu 6(1), li l-klawżola kuntrattwali inġusta tipproduċi effetti legali għad-detriment tal-konsumatur [54].

53 — Ara T. Pfeiffer *op. cit.* (nota 11), Anness, punt 91 p. 17.

54 — Ara, f'dan is-sens, M. Ebers, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 10), p. 405, li jsostni li l-figura tan-nullità assoluta tissodisfa l-eżiġenzi tal-ġurisprudenza, filwaqt li dan ma jkunx il-każ tan-nullità relattiva. Kunċetti oħra, bħan-nullità ta' protezzjoni (*protective nullity*) jidhru, skont dan l-awtur, li huma konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk kemm-il darba l-konsumatur jibqa' protett anki jekk jonqos milli jinvoka n-natura inġusta tal-klawżola, kemm jekk dan ma kienx jaf bid-drittijiet tiegħu, jew anki jekk ma ssograx jinvoka l-imsemmija drittijiet [ara, f'dak li jikkonċerna l-prinċipju ta' nullità ta' protezzjoni fil-liġi ċivili Taljana, F. Schurr, *Handbuch Italienisches Zivilrecht* (editjat minn B. Eccher, F. Schurr, u G. Christandl), Vjenna 2009, p. 323, punt 3/437].

b) Fuq l-awtomatiċità tan-nullità

91. F'dak li jikkonċerna l-punt dwar jekk il-liġi nazzjonali tistax tipprovdi li tali klawżola hija nulla *ipso jure*, għandu jsir riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, li ssuġġetta d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni għal eżiġenzi importanti b'mod li tkun żgurata l-konformità tagħhom mal-għan tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

92. Infakkar, minn naħa, is-sentenza Océano Grupo Editorial u Salvat Editores [55] li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "l-għan segwit mill-Artikolu 6 tad-Direttiva ma jkunx jista' jintlaħaq fil-każ li l-konsumaturi jkunu obbligati li jqajmu huma stess in-natura inġusta ta' tali klawżoli", u li "protezzjoni effettiva tal-konsumatur tkun żgurata biss jekk il-qorti nazzjonali tirrikonoxxi li hija għandha l-fakultà li tevalwata *ex officio* tali klawżola" [56]. Infakkar, min-naħa l-oħra, is-sentenza Pannon GSM [57] li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rfinat din il-ġurisprudenza billi ddikjarat "l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva ma jistax jiġi interpretat fis-sens li huwa biss fil-każ fejn il-konsumatur ippreżenta talba espliċita f'dan ir-rigward li klawżola kuntrattwali inġusta ma torbotx lill-konsumatur". Il-Qorti tal-Ġustizzja ġġustifikat din l-affermazzjoni billi ddikjarat li "tali interpretazzjoni teskludi l-possibbiltà li l-qorti nazzjonali tevalwa *ex officio*, fil-kuntest tal-eżami tal-ammissibbiltà ta' talba ppreżentata quddiemha u mingħajr talba espliċita mill-konsumatur f'dan is-sens, in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali" [58].

93. Kif diġà kelli l-okkażjoni nuri fil-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza VB Pénzügyi Lízing [59], din il-ġurisprudenza għandha tinftiehem fis-sens li, l-ewwel nett, il-qorti nazzjonali hija suġġetta, skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, għal obbligu ta' eżami *ex officio* tal-klawżoli inġusti, u, it-tieni nett, li n-nuqqas ta' natura vinkolanti ta' klawżola inġusta għandu jirriżulta *ipso jure* [60]. Huwa biss meta dawn l-eżiġenzi jkunu sodisfatti li jkun ċert li l-ebda intervent tal-konsumatur ma jeħtieġ sabiex huwa ma jintrabatx bil-klawżola.

94. Għalhekk huwa permess għall-Istati Membri li jimplementaw, fl-ordinament ġuridiku rispettiv tagħhom, ir-rekwiżiti ta' nuqqas ta' natura vinkolanti għall-konsumatur ta' klawżola kuntrattwali kkunsidrata bħala inġusta billi jipprevedu li din tal-aħħar għandha tiġi kkunsidrata bħala nulla *ipso jure*.

C – *Sinteżi tar-riżultati*

95. Qabel ma nikkonkludi, jaqbel li jitqassru r-riżultati essenzjali li setgħu jingħataw fil-kuntest tal-eżami tad-domandi preliminari, imwettaq iktar 'il fuq.

96. L-eżami sab li d-Direttiva 93/13 mhux biss ma pprekludietx l-introduzzjoni, fil-varji ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, tal-istrument ta' azzjoni ta' interess kollettiv, iżda kkunsidrat, barra minn hekk, l-imsemmi strument bħala metodu "effettiv" u "adegwat" ta' protezzjoni legali kollettiva fis-sens tal-Artikolu 7(2), sabiex "[t]ipprevjen[i]" l-użu ta' klawżoli inġusti fil-kuntratti [61].

55 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

56 — *Ibidem*, punt 26.

57 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

58 — *Ibidem*, punt 24.

59 — Konklużjonijiet tas-6 ta' Lulju 2010 (sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punt 105).

60 — Ara J. Heinig, "Die AGB-Kontrolle von Gerichtsstandsklauseln — zum Urteil Pannon des EuGH", *Europäische Zeitschrift für Wirtschaftsrecht*, 2009, p. 885, li tinterpreta l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza fis-sens li l-obbligu ta' eżami *ex officio* ma jistax jiġi osservat jekk in-nuqqas ta' natura vinkolanti msemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jirriżulta *ipso jure*, mingħajr ma l-konsumatur ikun jinvokah. Ara wkoll G. Borges, "AGB-Kontrolle durch den EuGH", *Neue Juristische Wochenschrift*, 2001, p. 2061.

61 — Ara l-punti 39 sa 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

97. Għalkemm l-Istati Membri jibbenefikaw minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa għall-finijiet tal-organizzazzjoni tar-regoli proċedurali tagħhom minħabba n-natura limitata tar-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13 u tal-approċċ ibbażat fuq armonizzazzjoni minima adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni, ċertu ammont ta' rekwiżiti għandhom jiġu rrispettati sabiex l-għan leġiżlattiv ta' protezzjoni tal-konsumaturi jkun jista' jinkiseb. Fost dawn ir-rekwiżiti jinsab dak li jiġi żgurat li klawżola kuntrattwali li ġiet ikklassifikata inġusta f'każ partikolari tibqa' mhux vinkolanti għall-konsumaturi kkonċernati [62]. Tikkorrispondi fi kwalunkwe każ għal dan l-għan dispożizzjoni li tagħti, lid-deċiżjonijiet nazzjonali li jikkonstataw natura inġusta ta' klawżola, effett mhux biss fir-rigward tal-partijiet fit-tilwima, iżda wkoll fir-rigward ta' kull persuna li tkun ikkonkludiet kuntratt mal-bejjiegħ jew fornitur ikkonċernat, utent tal-imsemmija klawżola (effett *erga omnes*). [63] L-azzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li l-organizzazzjoni tagħhom hija wkoll irregolata, fir-rigward tal-punti prinċipali tagħhom, mid-Direttiva 2009/22, jikkostitwixxu ħtieġa proċedurali sabiex jintlaħaq l-għan segwit mid-Direttiva [64].

98. Barra minn hekk, ġie kkonstatat li dritt eventwali rrikonoxxut lill-konsumaturi għar-rimbors ta' drittijiet u spejjeż iffatturati b'applikazzjoni ta' klawżola kuntrattwali inġusta ma jkunx irregolat mid-Direttiva 93/13, liema direttiva madankollu ma tipprekludix, fil-prinċipju, regola ta' liġi nazzjonali dwar dan is-suġġett [65]. Fl-aħħar nett huwa ċar mill-eżami li sar li jeżistu indizji partikolarment konvinċenti li l-klawżola kontenzjuża tikkorrispondi mal-klawżola msemmija fil-punt 1(j) tal-Anness u tissodisfa l-kriterji li jippermettu li tiġi kklassifikata inġusta fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13. Madankollu hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi b'mod definittiv dwar in-natura inġusta tal-imsemmija klawżola [66]. Jekk in-natura inġusta ta' klawżola tiġi stabbilita, id-Direttiva 93/13 ma tipprekludix il-konstatazzjoni tan-nullità *ipso jure tagħha*, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali [67].

VII – Konklużjoni

99. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Pest Megyei Bíróság bil-mod kif ġej:

"1. L-Artikolu 6(1), moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li klawżola kuntrattwali inġusta użata minn bejjiegħ jew fornitur partikolari f'kuntratti ta' konsum ma torbot l-ebda konsumatur fil-kuntratti ta' konsum konklużi mill-imsemmi bejjiegħ jew fornitur meta qorti nazzjonali tkun ikkonstatat in-nullità jew in-nuqqas ta' natura vinkolanti tal-imsemmija klawżola f'kuntest ta' azzjoni ta' interess kollettiv introdotta minn organu nnominat mil-liġi u debitament awtorizzat għal dan il-għan.

2. L-Artikolu 6(1), moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva, ma jagħti lill-konsumatur li ma huwiex parti fit-tilwima ebda dritt ta' rimbors ta' spejjeż li jirriżultaw min-natura inġusta ta' klawżola, meta n-natura inġusta tiġi kkonstatata fi proċedura oħra li ma tikkonċernahx. Madankollu, l-Artikolu 8 tad-Direttiva ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li tirrikonoxxi lill-konsumatur dritt għal rimbors f'tali ipoteżi.

3. Klawżola kuntrattwali li fiha l-bejjiegħ jew fornitur jipprovdi emenda unilaterali tal-kundizzjonijiet ġenerali tan-negozju, mingħajr ma jiddeskrivi b'mod espliċitu l-mod ta' kif il-prezz jinbidel u lanqas jispeċifika raġuni valida fil-kuntratt taqa' taħt il-klawżoli deskritti fil-punt 1(j) tal-Anness imsemmi fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva. Madankollu hija l-qorti nazzjonali li għal kull kawża ineżami għandha tiddeċiedi dwar in-natura inġusta tal-imsemmija klawżola. Id-Direttiva 93/13 ma tipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi n-nullità *ipso jure* ta' tali klawżola."

62 — *Ibidem*, punt 51.
63 — *Ibidem*, punt 61.
64 — *Ibidem*, punti 66 *et seq*.
65 — *Ibidem*, punt 76.
66 — *Ibidem*, punt 87.
67 — *Ibidem*, punt 94.